IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
[…](2012) XXX draft

**ABBOZZ**

**Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband**

***Abbozz***

**MT**

# Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband

## 1. INTRODUZZJONI

(1) Il-konnettività mal-broadband hija ta' importanza strateġika għat-tkabbir Ewropew u għall-innovazzjoni fis-setturi kollha tal-ekonomija u għall-koeżjoni soċjali u territorjali. L-Istrateġija Ewropa 2020 ("UE2020") tenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-broadband bħala parti minn strateġija tat-tkabbir tal-UE għall-għaxar snin li ġejjin u tistabbilixxi miri ambizzjużi għall-iżvilupp tal-broadband. Waħda mill-inizjattivi ewlenin tagħha, l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa ("ADE")[1], tirrikonoxxi l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-broadband u tenfasizza l-importanza tiegħu għall-kompetittività, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi. L-ilħiq tal-għan tal-Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ jiddependi wkoll mill-proviżjoni ta' aċċess mifrux u bi prezz konvenjenti għal infrastruttura u servizzi tal-internet b'veloċita għolja. Fattur kruċjali għall-Ewropa hu li twieġeb għall-isfida tal-iffinanzjar ta' infrastruttura tal-broadband ta' kwalità tajba u bi prezz konvenjenti biex tiżdied il-kompetittività u l-innovazzjoni tagħha, tipprovdi opportunitajiet ta' xogħol għaż-żgħażagħ, tipprevjeni d-delokalizzazzjoni tal-attività ekonomika u tiġbed l-investimenti interni. L-ADE ttenni l-għan tal-UE2020 li l-broadband bażiku jkun disponibbli għall-Ewropej kollha sal-2013 u tfittex li tiżgura li, sa l-2020, (i) l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għal Internet b'veloċitajiet ħafna ogħla ta' aktar minn 30 Mbps u (ii) 50% jew aktar tad-djar Ewropej jabbonaw għal konnessjonijiet tal-Internet ta' 'l fuq minn 100 Mbps.

(2) Sabiex jintlaħaq l-għan ta' aċċess ta' veloċitajiet tal-internet ogħla minn 30 Mbps, huwa stmat[2] li huwa meħtieġ sa EUR 60 biljun ta' investiment u sa EUR 270 biljun għal mill-inqas 50% tal-unitajiet domestiki biex jaċċessaw konnessjonijiet tal-internet ogħla minn 100 Mbps[3]. Investimenti bħal dawn għandhom jiġu primarjament minn investituri kummerċjali. Madankollu, ma jistgħux jintlaħqu l-għanijiet tal-ADE mingħajr ma jkun hemm is-sostenn permezz ta' fondi pubbliċi. Għal din ir-raġuni, l-ADE tistieden lill-Istati Membri jużaw *"il-finanzjament pubbliku f'konformità mar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat"* biex jilħqu l-kopertura, il-veloċità u l-adozzjoni tal-miri ta' attwazzjoni

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM (2010) 245 finali, Aġenda Diġitali għall-Ewropa.

[2] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment, COM (2010) 472 finali *Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment.*

[3] L-ispejjeż reali tal-investimenti jistgħu jkunu anqas b'mod sinifikanti skont l-użu mill-ġdid tal-infrastrutturi eżistenti (passivi) u skont is-suq, it-teknoloġija u l-iżviluppi regolatorji.

definiti f'UE2020[4]. Huwa mistenni li d-domanda għal servizzi li jirrikjedu kapaċità għolja jiżdiedu fil-futur, hekk kif il-cloud computing, użu aktar intens tat-teknoloġiji peer to peer, in-netwerks soċjali u s-servizzi ta' vidjo fuq talba jiġu żviluppati aktar.

(3) Is-settur tal-komunikazzjoni elettronika għadda minn proċess ta' liberalizzazzjoni bir-reqqa u issa huwa suġġett għal regolamentazzjoni settorjali. Il-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi jindirizza wkoll kwistjonijiet relatati mal-aċċess għall-broadband[5]. Fir-rigward ta' netwerks tradizzjonali tal-broadband, s'issa s-swieq bl-ingrossa huma suġġetti għal regolazzjoni ex ante fl-Istati Membri kollha. L-approċċ regolatorju rnexxa biex irawwem swieq kompetittivi, biex iħeġġeġ l-investiment u biex iżid l-għażla tal-konsumaturi: pereżempju, l-ogħla kopertura u adozzjoni tal-broadband tinsab fl-Istati Membri fejn teżisti kompetizzjoni fl-infrastruttura, flimkien ma' regolamentazzjoni ex ante effettiva li tippromwovi l-kompetizzjoni fis-servizzi. Implimentazzjoni ulterjuri ta' netwerks tal-broadband u b'mod partikulari n-netwerks ta' Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss ("NGA") jkompli jirrekjedi l-intervent tal-awtoritajiet regolatroji nazzjonali ("NRAs") minħabba l-pożizzjoni u r-rwol tagħhom fis-settur tal-kommunikazzjoni elettronika.

(4) Huwa aktar u aktar importanti li l-fondi pubbliċi jintużaw b'mod għaqli f'dan is-settur u li l-Kummissjoni tiżgura li l-għajnuna mill-Istat tkun kumplimentari u ma tissostitwixxix l-investimenti tal-operaturi fis-suq. Kwalunkwe intervent mill-Istat għandu jillimita kemm jista' jkun ir-riskju li jaqta' barra l-investimenti privati, li jbiddel l-inċentivi tal-investiment kummerċjali u fl-aħħar mill-aħħar li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni b'mod li ma jkunx aċċettabbli.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat (SAM), il-Kummissjoni tinnota li l-politika tal-għajnuna mill-Istat għandha tiffoka fuq l-iffaċilitar ta' għajnuna mfassla sew mmirata lejn fallimenti fis-suq u għanijiet ta' interess Ewropew komuni[6]. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jikkoreġu fallimenti fis-suq, biex b'hekk jittejjeb il-funzjonament effiċjenti tas-swieq u titkattar il-kompetittività. Barra minn hekk, meta s-swieq jipprovdu riżultati effiċjenti imma dawn jiġu kkunsidrati bħala mhux sodisfaċenti mil-lenti tal-politika ta' koeżjoni, l-għajnuna mill-Istat tista' tintuża biex jinkiseb riżultat tas-suq li jkun aktar mixtieq u ġust. B'mod partikulari, intervent immirat sew mill-Istat fil-qasam tal-broadband jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-'firda diġitali'[7] bejn żoni jew reġjuni fejn jiġu offruti servizzi tal-broadband kompetittivi u bi prezzijiet konvenjenti u inħawi fejn dan mhux il-każ.

---

4 Paragrafu 2.4,3. Azzjoni Ewlenija 8.

5 Ara l-Artikolu 12 (4) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar Qafas regolatorju komuni għan-Netwerks ta' Komunikazzjonijiet u Servizzi Elettroniċi (Direttiva Qafas) Edizzjoni Speċjali tal-ĠU bil-Malti: Kapitolu 13 Volum 29 p. 349, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE (Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar), ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37 u bir-Regolament (KE) Nru 544/2009, ĠU L 167, 29.6.2009, p. 12.

6 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM) Brussell, 8.5.2012. COM(2012) 209 finali.

7 It-terminu 'firda diġitali' jintuża l-aktar biex jiddefinixxi l-lakuna bejn dawk l-individwi u l-komunitajiet li għandhom aċċess għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u dawk li m'għandhomx. Għalkemm hemm diversi raġunijiet għal din il-'firda diġitali', l-aktar waħda importanti hija n-nuqqas ta' infrastruttura adegwata tal-broadband. Min-naħa reġjonali, fattur importanti għal kemm komunità jkollha aċċess għall-ICT u għal kemm tagħmel użu minnhom huwa kemm il-komunità tkun urbanizzata. Il-penetrazzjoni tal-internet, għalhekk, tibqa' ħafna aktar dgħajfa fi nħawi fl-Unjoni Ewropea fejn ma tantx joqogħdu nies.

(6) Madankollu, kieku l-għajnuna mill-Istat għall-broadband kellha tintuża f'żoni fejn l-operaturi tas-suq normalment jagħżlu li jinvestu jew ikunu diġà investew, dan ikun jista' jimmina b'mod konsiderevoli sa mill-bidu nett l-inċentivi tal-investituri kummerċjali biex jinvestu fil-broadband. F'każijiet bħal dawn, l-għajnuna mill-Istat għall-broadband tista' tispiċċa biex issir kontroproduttiva għall-għan li wieħed ikun jixtieq jilħaq. L-għan tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-broadband huwa li jiġi żgurat li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jirriżultaw f'livell ogħla, jew f'rata aktar mgħaġġla, ta' kopertura u penetrazzjoni tal-broadband milli kien iseħħ mingħajr l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li jiġu appoġġjati l-kwalità ogħla, is-servizzi bi prezz aktar konvenjenti u l-investimenti favur il-kompetizzjoni. L-effetti pożittivi tal-għajnuna għandhom jegħlbu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(7) B'reazzjoni għat-talba tal-Kummissjoni biex jagħmlu hekk fl-ADE, ħafna mill-Istati Membri żviluppaw strateġiji nazzjonali għall-broadband biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ADE fit-territorji rispettivi tagħhom. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-istrateġiji jipprevedu l-użu ta' fondi pubbliċi biex jestendu l-kopertura tal-broadband f'żoni fejn l-operaturi kummerċjali m'għandhom l-ebda inċentiv biex jinvestu fihom u biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' netwerks ta' aċċess b'veloċità għolja ħafna u tal-ġenerazzjoni li jmiss.

(8) Dawn il-Linji Gwida jiġbru fil-qosor il-prinċipji tal-politika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband inġenerali (Taqsima 2). Jispjegaw l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-valutazzjoni tal-miżuri tal-għajnuna li jappoġġjaw l-introduzzjoni rapida tal-broadband bażiku u n-netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss (NGA) b'veloċità għolja ħafna (fit-Taqsima 3). Il-Kummissjoni se tapplika l-linji gwida meta tkun qed tivvaluta l-għajnuna mill-Istat għall-broadband. B'hekk tkabbar iċ-ċertezza legali u t-trasparenza tal-mod kif tieħu d-deċiżjonijiet.

## 2. IL-PRINĊIPJI EWLENIN TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-BROADBAND

### *2.1. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*

(9) Skont l-Artikolu 107 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), "*kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern*". Minn dan jirriżulta li sabiex miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (a) il-miżura trid tkun mogħtija mir-riżorsi tal-Istat, (b) trid tkun tagħti vantaġġ ekonomiku lill-impriżi, (c) il-vantaġġ irid ikun selettiv u (d) jwassal għal distorsjoni jew jhedded li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni; (e) il-miżura trid tkun taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

### *2.2. L-Artikolu 107(1) tat-TFUE: Preżenza ta' għajnuna*

(10) **L-użu ta' riżorsi tal-Istat:** It-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jista' jieħu ħafna forom bħalma huma għotjiet diretti, rifużjonijiet tat-taxxa[8], self b'imgħax favorevoli jew tipi oħra ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament preferenzjali. Ikunu involuti riżorsi mill-Istat ukoll jekk l-Istat jipprovdi benefiċċji mhux finanzjarji, pereżempju jinvesti fil-kostruzzjoni ta' (parti) mill-infrastruttura tal-broadband. Ir-riżorsi mill-Istat jistgħu jintużaw[9] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-iffinanzjar minn fondi Ewropej bħall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)[10] bl-istess mod jikkostitwixxi riżorsi mill-Istat, meta dawn il-fondi jkunu allokati skont id-diskrezzjoni ta' Stat Membru[11].

(11) **Impriża:** Il-miżuri tal-Istat li jappoġġjaw l-investimenti tal-broadband is-soltu jittieħdu favur attività ekonomika bħall-kostruzzjoni, l-operat u l-għoti tal-aċċess għall-infrastruttura tal-broadband. Anki l-Istat innifsu jista' jwettaq attività ekonomika meta jopera u jisfrutta l-infrastruttura tal-broadband, jew partijiet minnha, pereżempju permezz ta' kumpanija interna jew bħala parti mill-amministrazzjoni tal-Istat. Il-bini ta' infrastruttura ta' netwerk tal-broadband bil-ħsieb tal-esplojtazzjoni kummerċjali futura tagħha mill-Istat jew minn operaturi terzi, li magħhom hi marbuta b'mod intrinsiku, ukoll jikkostitwixxi attività ekonomika[12]. L-introduzzjoni ta' netwerk tal-broadband għal skopijiet mhux kummerċjali tista' ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat[13], għaliex il-kostruzzjoni tan-netwerk ma tiffavorixxi l-ebda impriża[14]. Madankollu, jekk netwerk bħal dan jiġi sussegwentement miftuħ għall-użu tal-investituri jew l-operaturi tal-broadband, x'aktarx tkun involuta għajnuna mill-Istat[15].

---

8 Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N398/2005 – l-Ungerija, *Development Tax Benefit for Broadband* (Benefiċċju għall-broadband mit-taxxa tal-iżvilupp).

9 Ir-riżorsi ta' impriża pubblika jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 tat-Trattat għaliex l-awtoritajiet pubbliċi jikkontrollaw dawn ir-riżorsi. Il-Kawża C-482/99 Franza vs Il-Kummissjoni [2002] Ġabra I-4397. Skont din is-sentenza, għadu jrid jiġi evalwat jekk il-finanzjament permezz ta' impriża pubblika huwiex attribwibbli għall-Istat.

10 Ir-Regolament 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ĠU L 286M, 4.11.2010, p. 26, ir-Regolament 1080/2006 tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1, ir-Regolament 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

11 Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża N157/2006 – ir-Renju Unit, South Yorkshire *Digital Region Broadband Project* (Proġett tal-Broadband tar-Reġjun Diġitali ta' South Yorkshire). Il-Qorti kkonfermat li ladarba l-mezzi finanzjarji jibqgħu kostantement taħt il-kontroll pubbliku u għalhekk ikunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, dan ikun biżżejjed għalihom biex jaqgħu taħt il-kategorija ta' għajnuna mill-Istat, ara l-Kawża C-83/98 Franza vs. Ladbroke Racing Ltd u l-Kummissjoni [2000] Ġabra I-3271, paragrafu 50.

12 Il-Kawża T-443/08 u T-455/08 Freistaat Sachsen u Oħrajn vs. il-Kummissjoni [Għadha ma ġietx ippubblikata], paragrafi (93) sa (95).

13 Ara pereżempju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża NN24/2007 - ir-Repubblika Ċeka. *Prague Municipal Wireless Network (In-Netwerk Muniċipali Mingħajr Fili ta' Praga).*

14 Bl-istess mod, jekk netwerk huwa mibni jew servizzi tal-broadband jinkisbu biex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-amministrazzjoni pubblika stess, taħt ċerti ċirkustanzi, intervent bħal dan jista' ma' jagħtix vantaġġ lill-impriżi ekonomiċi. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N46/2007 – ir-Renju Unit, *Welsh Public Sector Network Scheme* (Skema ta' Netwerk tas-Settur Pubbliku ta' Wales).

15 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.31687(N436/2010) - l-Italja *Broadband in Friuli Venezia Giulia (Project Ermes)* (il-Broadband fi Friuli Venzia Giulia)*)* (il-Proġett Ermes) u fil-Każ N 407/2009 – Spanja, *Xarxa Oberta*.

(12) **Vantaġġ:** Is-soltu l-għajnuna tingħata direttament lill-investituri tan-netwerk, li fil-biċċa l-kbira tal-każi jintgħażlu permezz ta' proċess ta' sejħa kompetittiva għall-offerti. Meta l-kontribut tal-Istat mhux ipprovdut b'kundizzjonijiet normali ta' suq u b'konsegwenza ta' dan jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq (ara l-paragrafu (16) hawn taħt), l-użu ta' proċess ta' sejħa għall-offerti jiżgura li kwalunkwe għajnuna tkun limitata għall-ammont minimu meħtieġ għall-proġett partikulari. Madankollu, dan ma jeliminax l-għajnuna, għax l-awtorità pubblika tibqa' tipprovdi sussidju lill-offerent li jintgħażel (pereżempju fis-sens ta' "diskrepanza tal-likwidità " jew kontribut mhux finanzjarju) u l-iskop ta' proċedura bħal din ikun preċiżament l-għażla tal-benefiċjarju tal-għajnuna. L-appoġġ finanzjarju rċevut jippermetti lill-offerent li jintgħażel li jmexxi din l-attività kummerċjali b'kundizzjonijiet li kieku ma kinux ikunu disponibbli fis-suq. Minbarra r-riċevitur dirett tal-għajnuna, l-operaturi terzi li jiksbu aċċess bl-ingrossa għall-infrastruttura sussidjata jistgħu jkunu benefiċjarji indiretti[16].

(13) **Selettività:** Il-miżuri tal-Istat li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband huma selettivi fin-natura tagħhom minħabba li dawn jimmiraw għal investituri tal-broadband u operaturi terzi li huma attivi biss f'ċerti sezzjonijiet tas-suq globali tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. B'kuntrast, fir-rigward tal-utenti kummerċjali finali tan-netwerk sussidjat[17], il-miżura tista' ma tkunx selettiva sakemm l-aċċess għal infrastruttura sussidjata jkun miftuħ għas-setturi kollha tal-ekonomija. Is-selettività tkun teżisti jekk l-implimentazzjoni tal-broadband tkun indirizzata speċifikament għal utenti kummerċjali ddedikati, pereżempju jekk l-appoġġ mill-Istat ikun immirat lejn l-implimentazzjoni ta' netwerk tal-broadband favur kumpaniji predeterminati li ma jkunux magħżula skont il-kriterji ġenerali applikabbli għall-qasam kollu li għalih l-awtorità awtorizzanti tkun responsabbli[18].

(14) **Distorsjoni tal-kompetizzjoni:** Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti"), appoġġ finanzjarju jew appoġġ mhux finanzjarju jwassal għal distorsjoni fil-kompetizzjoni minħabba li jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra[19]. Minħabba l-għajnuna mill-Istat mogħtija lil kompetitur, jista' jkun li operaturi eżistenti jnaqqsu l-kapaċità jew li operaturi potenzjali jiddeċiedu li ma jidħlux f'suq ġdid jew f'żona ġeografika ġdida. Huwa probabbli li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jiżdiedu jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna jkollu pożizzjoni qawwija fis-suq. Meta r-riċevitur tal-għajnuna jkun diġà dominanti f'suq, il-miżura tal-għajnuna tista' ssaħħaħ din id-dominanza billi ddgħajjef iżjed ir-restrizzjoni kompetittiva li l-kompetituri jkunu jistgħu jeżerċitaw.

---

16 Probabbli l-benefiċċju tas-sussidju huwa għall-inqas parzjalment mgħoddi lill-operaturi terzi anke jekk iħallsu remunerazzjoni għall-aċċess bl-ingrossa. Fil-fatt, il-prezzijiet bl-ingrossa ta' spiss ikunu rregolati. Ir-regolazzjoni tal-prezzijiet twassal għal prezz aktar baxx minn dak li l-bejjiegħ bl-ingrossa jkun jista' jikseb fis-suq (li jista' jkun prezz ta' monopolju jekk ma jkunx hemm kompetizzjoni min-netwerks oħra). Fejn il-prezzijiet mhumiex regolati, il-bejjiegħ bl-ingrossa fi kwalunkwe każ ikun obbligat jagħti valur komparattiv lill-prezzijiet tiegħu mal-prezzijiet medji applikati f'oqsma oħra aktar kompetittivi (ara l-paragrafu (67) h) hawn taħt) li probabbli jwassal ukoll għal prezz aktar baxx minn dak li l-bejjiegħ bl-ingrossa jkun jista' jikseb fis-suq.

17 Is-sussidji għall-utenti residenzjali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

18 Eżempju ta' dan hi l-għajnuna lil distretti kummerċjali, ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ N626/2009 – L-Italja, *NGA for industrial districts of Lucca* (NGA għal distretti industrijali ta' Lucca).

19 Kawża C-310/99, ir-Repubblika Taljana vs. Il-Kummissjoni [2002] Ġabra I-02289, paragrafu 65.

(15) **Effett fuq il-kummerċ:** Fl-aħħar nett, safejn l-intervent mill-Istat jista' jaffettwa lill-fornituri tas-servizzi minn Stati Membri oħrajn, ikollu wkoll effett fuq il-kummerċ ladarba s-swieq għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (is-swieq bl-ingrossa u bl-imnut tal-broadband) huma miftuħin għall-kompetizzjoni bejn l-operaturi u l-fornituri tas-servizz[20].

### 2.2.1. *L-assenza ta' għajnuna: l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq*

(16) L-Artikolu 345 tat-TFUE jipprovdi li "*[i]t-Trattati għandhom ikunu bla ebda preġudizzju għas-sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri*". Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, mill-prinċipju tat-trattament ugwali jirriżulta li l-kapital imqiegħed mill-Istat, direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni ta' impriża f'ċirkustanzi li jikkorrispondu għal kundizzjonijiet normali tas-suq ma jistax jitqies bħala għajnuna mill-Istat. Meta l-parteċipazzjoni fil-kapital jew l-injezzjoni ta' kapital minn investitur pubbliku ma jagħtux biżżejjed prospetti ta' profitabbiltà, lanqas fuq medda twila ta' żmien, tali intervent irid jitqies bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, u l-kompatibbiltà tiegħu mas-suq komuni trid tiġi evalwata biss fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni[21].

(17) Fid-deċiżjoni tagħha ta' Amsterdam, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq fil-qasam tal-broadband[22]. Kif enfasizzat f'din id-deċiżjoni, il-konformità ta' investiment pubbliku mat-termini tas-suq trid tintwera bl-akbar reqqa u b'mod komprensiv, permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti ta' investituri privati jew inkella permezz tal-eżistenza ta' pjan għaqli tan-negozju li juri redditu adegwat fuq l-investiment. Meta fil-proġett jieħdu sehem investituri privati, hija kundizzjoni *sine qua non* li huma jridu jassumu r-riskju kummerċjali marbut mal-investiment taħt l-istess termini u kundizzjonijiet tal-investitur pubbliku. Dan tapplika wkoll għal forom oħra ta' appoġġ mill-Istat bħal self b'imgħax favorevoli jew garanziji[23].

### 2.2.2. *Għajnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni tal-broadband bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali – Altmark u l-kompatibbiltà skont l-Artikolu 106 (2) tat-TFUE*

(18) F'ċerti każi, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li l-forniment ta' netwerk tal-broadband għandu jitqies bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ("SIEĠ") skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE[24]. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-iffinanzjar għas-servizzi ta' interessi ekonomiċi ġenerali, issir referenza għall-

---

[20] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ N237/2008 – Il-Ġermanja, *Broadband support in Niedersachsen* (Sostenn għall-broadband f'Niedersachseni).

[21] Kawża C-303/88, l-Italja vs il-Kummissjoni, [1991] Ġabra p. I-1433, fil-paragrafi 20-22.

[22] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 fil-każ C 53/2006 Il-Pajjiżi l-Baxxi, *Citynet Amsterdam - investiment mill-belt ta' Amsterdam f'netwerk tat-tip fibre-to-the home (FTTH)*, ĠU L 247, 16.9.2008, p.27.

[23] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10–22 u r-Rettifika għall-Avviż, ĠU C 244, 25.9.2008, p.32.

[24] Skont il-ġurisprudenza, l-impriżi fdati bit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jridu jkunu ngħataw dik il-biċċa xogħol permezz ta' att ta' awtorità pubblika. F'dan ir-rigward, servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jista' jiġi fdat f'idejn operatur permezz tal-għoti ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku; ara l-Kawżi Magħqudin T-204/97 u T-270/97 EPAC - Empresa para a Agroalimentação e Cereais, SA vs Il-Kummissjoni [2000] Ġabra II-2267, punt 126 u l-Kawża T-17/02 Fred Olsen, SA vs Il-Kummissjoni [2005] Ġabra p. II-2031, punti 186, 188-189.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[25]. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għall-għajnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni tal-broadband. Dan li ġej juri biss l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għas-settur tal-broadband.

(19) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, sakemm jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet ewlenin (magħrufin komunement bħala l-kriterji *Altmark*), il-finanzjament mill-Istat għall-forniment tas-SIEĠ jista' jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE[26]. L-erba' kundizzjonijiet huma: (a) il-benefiċjarju ta' mekkaniżmu ta' finanzjament mill-Istat għal SIEĠ jrid ikun fdat formalment bil-forniment u t-twettiq ta' SIEĠ, li l-obbligi tiegħu jridu jkunu definiti b'mod ċar (b) il-parametri biex jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'manjiera oġġettiva u trasparenti, sabiex jiġi evitat li jagħti vantaġġ ekonomiku li jista' jiffavorixxi lill-impriża benefiċjarja fuq impriżi kompetituri; (c) il-kumpens ma jistax ikun ikbar milli jkun meħtieġ biex jiġu koperti l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mit-twettiq tas-SIEĠ, jew parti minnhom, meta wieħed iqis l-irċevuti rilevanti u jippermetti qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi u (d) meta l-benefiċjarju ma jintgħażilx skont proċedura ta' akkwist pubbliku, il-livell ta' kumpens li jingħata jrid jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li kien ikollha impriża tipika, immexxija tajjeb, fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, meta wieħed iqis l-irċevuti rilevanti u jippermetti qligħ raġonevoli.

<u>Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u l-applikazzjoni tal-kriterji Altmark</u>

Id-definizzjoni tas-SIEĠ

(20) Fir-rigward tal-mistoqsija dwar jekk il-finanzjament jikkonċernax l-appoġġ għal servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, il-Kummissjoni tqis li f'żoni fejn investituri privati diġà investew f'infrastruttura ta' netwerk tal-broadband (jew qed ikomplu jifirxu n-netwerk) u diġà qed jipprovdu servizzi kompetittivi tal-broadband b'kopertura adegwata tal-broadband, il-ħolqien ta' infrastruttura parallela tal-broadband li tkun kompetittiva u ffinanzjata b'fondi pubbliċi ma jistax jitqies bħala SIEĠ skont it-tifsira tal-Artikolu 106 (2) tat-TFUE[27]. Madankollu, fejn jista' jintwera li investituri privati ma jkunux f'pożizzjoni li jipprovdu kopertura adegwata tal-broadband liċ-ċittadini jew lill-utenti kollha fil-futur qarib[28] u għalhekk iħallu parti sinifikanti tal-popolazzjoni mhux konnessa, jista' jingħata kumpens għal servizz pubbliku lil impriża fdata bl-operat ta' SIEĠ, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-komunikazzjoni tas-SIEĠ imsemmija hawn fuq. F'dan ir-rigward, in-netwerks li wieħed irid jikkunsidra biex jivvaluta l-ħtieġa

---

[25] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-UE għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU C 8, 11.01.2012, p. 4-14.

[26] Ara l-Kawża C-280/00, Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH, [2003] Ġabra I-7747 ("is-sentenza Altmark"). L-erba' kundizzjonijiet kienu kkunsidrati bħala li ġew issodisfati, pereżempju, fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N381/2004 - Franza, *Projet de réseau de télécommunications haut débit des Pyrénées-Atlantiques*, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N331/2008 – Franza - *Compensation de charges pour une Délegation de Service Public (DSP) pour l'établissement et l'exploitation d' un réseau de communications électroniques à très haut debit dans le Département des Hauts-de-Seine* (mhumiex disponibbli bil-Malti).

[27] Skont il-prinċipji li hemm fil-paragrafi 48 u 49 tal-Komunikazzjoni tas-SIEĠ imsemmija hawn fuq.

[28] It-terminu fil-"futur qarib" għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal perjodu ta' tliet snin f'konformità mal-paragrafu (59) ta' dawn il-Linji Gwida.

għal SIEĠ għandhom ikunu dejjem ma' struttura paragunabbli, jiġifieri netwerks tal-broadband bażiku jew inkella netwerks tat-tip NGA.

(21) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tal-broadband għall-implimentazzjoni għandha tipprovdi lill-utenti kollha f'żona partikulari b'konnettività universali, kemm għall-konsumaturi residenzjali kif ukoll għal dawk tan-negozju. L-appoġġ għall-konnessjoni ta' negozji biss ma tkunx biżżejjed[29].

(22) Aktar minn hekk, in-natura obbligatorja tal-missjoni ta' SIEĠ timplika li l-fornitur tan-netwerk li tkun trid tiġi żviluppata mhux se jkun jista' jirrifjuta l-aċċess bl-ingrossa għall-infrastruttura fuq bażi diskrezzjonarja u/jew diskriminatorja (għax, ngħidu aħna, jista' ma jkunx jagħmel sens kummerċjali li jipprovdi s-servizzi ta' aċċess f'żona partikulari).

(23) Għandu jkunu disponibbli għall-operaturi kollha interessati netwerk iffinanzjat pubblikament imwaqqaf fil-kuntest ta' SIEĠ. Hekk, l-għarfien ta' missjoni ta' SIEĠ għall-implimentazzjoni tal-broadband għandu jkun imsejjes fuq il-fornitura ta' infrastruttura passiva[30], newtrali[31] u miftuħa. Tali netwerk għandu jipprovdi lil dawk li jfittxu l-aċċess bil-forom kollha possibbli ta' aċċess għan-netwerk u jippermetti kompetizzjoni effettiva fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, b'mod li jiżgura l-fornitura ta' servizzi kompetittivi u bi prezz konvenjenti lill-utenti finali[32]. Għalhekk, il-missjoni ta' SIEĠ għandha tkopri biss l-implimentazzjoni ta' netwerk tal-broadband li jipprovdi konnettività universali u l-fornitura tas-servizzi relatati ta' aċċess bl-ingrossa, mingħajr ma tinkludi s-servizzi bl-imnut tal-komunikazzjoni. Fejn il-fornitur tal-missjoni ta' SIEĠ jkun ukoll operatur integrat vertikalment tal-broadband, għandhom jitpoġġew fis-seħħ salvagwardji adegwati sabiex jiġu evitati kwalunkwe kunflitt ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn jew vantaġġ indirett moħbi ieħor[33].

L-att tal-għoti tal-inkarigu

(24) Minħabba li s-suq għall-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa liberalizzat għal kollox, missjoni ta' SIEĠ għall-implimentazzjoni tal-broadband ma tistax tkun ibbażata fuq l-għoti ta' jedd esklużiv jew speċjali lill-fornitur tas-SIEĠ skont it-tifsira tal-Artikolu 106(1) tat-TFUE.

Il-kalkolu tal-kumpens

(25) Biex jikkonforma mal-missjoni tiegħu ta' kopertura universali, fornitur ta' SIEĠ jista' jkun jeħtieġ iqiegħed infrastruttura ta' netwerk mhux biss f'żoni li minnhom

---

29 F'konformità mal-prinċipju espress fil-paragrafu 50 tal-Komunikazzjoni tas-SIEĠ ikkwotata fin-nota 24 ta' qiegħ il-paġna. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N284/2005 – L-Irlanda, Programm Reġjonali tal-Broadband: *Metropolitan Area Networks* ("MANs"), fażijiet II u III u N890/06 – Franza, *Aide du Sicoval pour un réseau de très haut débit* (mhux disponibbli bil-Malti).

30 L-infrastruttura passiva hija bażikament l-infrastruttura fiżika tan-netwerks. Għal definizzjoni, ara l-glossarju.

31 Netwerk għandu jkun teknoloġikament newtrali u b'hekk jippermetti lil dawk li jfittxu l-aċċess jużaw kwalunkwe mit-teknoloġiji disponibbli biex jipprovdu servizzi lill-utenti finali.

32 Skont il-paragrafu 3.2.2 g ta' dawn il-Linji Gwida.

33 Tali salvagwardji għandhom jinkludu, b'mod partikulari, obbligu ta' separazzjoni tal-kontijiet, u jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment. Tali entità għandha tkun unikament responsabbli biex tikkonforma mal-missjoni ta' SIEĠ assenjata lilha u biex twettaqha.

ma jsirx qligħ iżda wkoll f'żoni li minnhom isir qligħ li fihom operaturi oħrajn setgħu diġà qiegħdu l-infrastruttura tan-netwerk tagħhom stess jew setgħu ppjanaw li jagħmlu dan fil-futur qarib. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-broadband, f'dan il-każ kwalunkwe kumpens mogħti għandu jkopri biss l-ispejjeż għall-introduzzjoni ta' infrastruttura fiż-żoni fejn mhemmx qligħ, b'kont meħud tad-dħul rilevanti u profitt raġonevoli[34]. Fejn missjoni ta' SIEĠ għall-implimentazzjoni ta' netwerk tal-broadband ma jkunx ibbażat fuq l-implimentazzjoni ta' infrastruttura bi sjieda pubblika, għandhom jitpoġġew fis-seħħ mekkaniżmi adegwati ta' reviżjoni u ta' rkupru sabiex jiġi evitat li l-fornitur tas-SIEĠ jikseb vantaġġ bla bżonn billi jżomm is-sjieda tan-netwerk li jkun ġie ffinanzjat b'fondi pubbliċi meta tiskadi l-konċessjoni tas-SIEĠ.

Valutazzjoni tas-SIEĠ barra mill-applikazzjoni tal-kriterji Altmark

(26) Fejn l-erba' kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza Altmark ma jkunux issodisfati, u jekk il-kriterji ġenerali għall-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jkunu ssodisfati, il-kumpens għas-servizz pubbliku għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-broadband jkun jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u jkun suġġett għall-Artikoli 93, 106, 107 u 108 tat-TFUE. F'dan il-każ, l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (skont il-paragrafi 0 sa 0 t'hawn fuq) xorta tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern, jekk il-kriterji ta' kompatibbiltà żviluppati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 106 (2) tat-TFUE jiġu ssodisfati.

(27) Il-kumpens jista' jkun eżentat mill-ħtieġa ta' notifika stabbilita fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106 (2) tat-TFUE għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jiġu ssodisfati[35]. L-għajnuna mill-Istat li mhix koperta minn dik id-Deċiżjoni tista' tiġi ddikjarata kompatibbli skont l-Artikolu 106 (2) tat-TFUE, jekk il-kundizzjonijiet tal-qafas Ewropew għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku jiġu ssodisfati[36]. Madankollu, fil-każ taż-żewġ valutazzjonijiet tal-kompatibbiltà, ta' min jinnota li l-konsiderazzjonijiet ta' hawn dwar il-kwalità tad-definizzjoni tal-obbligu tas-servizz pubbliku għall-implimentazzjoni tal-broadband (ara l-paragrafi 0 sa 0 hawn fuq) japplikaw, f'konformità mar-regoli eżistenti[37].

---

34 Huwa f'idejn l-Istati Membri biex, minħabba l-partikularitajiet ta' kull każ, isibu l-aktar metodoloġija xierqa biex jiżguraw li l-kumpens mogħti jkopri biss l-ispejjeż biex il-missjoni ta' SIEĠ titwettaq fl-inħawi fejn mhemmx qligħ, b'kont meħud tad-dħul rilevanti u profitt raġonevoli. Ngħidu aħna, il-kumpens mogħti jista' jkun ibbażat fuq paragun bejn dħul li jirriżulta mill-isfruttament kummerċjali tal-infrastruttura fl-inħawi fejn hemm il-qligħ u d-dħul li jirriżulta mill-isfruttament kummerċjali fl-inħawi fejn mhemmx qligħ. Kwalunkwe qligħ li jkun aktar minn raġonevoli, jiġifieri qligħ ogħla mir-redditu medju tal-industrija fuq il-kapital għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura partikulari tal-broadband, jista' jiġi assenjat għall-finanzjament tas-SIEĠ fl-inħawi fejn mhemmx qligħ filwaqt li l-qligħ li jifdal ikun parti mill-kumpens finanzjarju mogħti.

35 ĠU L7.11.1.2012, p.3-10.

36 ĠU C 8 tal-11.1.2012, p.15-22.

37 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU C 8, 11.1.2012, p.4-14, paragrafu 48. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N196/2010 – l-Estonja, *Establishment of a Sustainable Infrastructure Permitting Estonia-wide Broadband Internet Connection*

## *2.3. Miżuri amministrattivi u regolatorji li jappoġġjaw l-introduzzjoni tal-broadband u li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat*

(28) Kif spjegat ukoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Broadband[38], l-Istati Membri jistgħu jagħżlu diversi tipi ta' miżuri sabiex iħaffu l-implimentazzjoni tal-broadband, u b'mod partikulari netwerks NGA, minbarra li jipprovdu finanzjament dirett lill-kumpaniji. Dawn il-miżuri mhux bilfors iridu jkunu jinvolvu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(29) Ġaladarba parti kbira mill-ispiża tal-implimentazzjoni tan-netwerks tal-fibra ottika qiegħda fix-xogħol ta' inġinerija ċivili (ngħidu aħna tħaffir, tqegħid ta' kejbils, mogħdija tal-wajers internament, eċċ.)[39], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu skont il-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, ngħidu aħna, li jiffaċilitaw il-proċess tal-akkwist ta' jeddijiet ta' mogħdija, jitolbu li l-operaturi tan-netwerks jikkoordinaw ix-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili tagħhom u/jew li jaqsmu bejniethom parti mill-infrastruttura tagħhom. Bl-istess mod, Stat Membru jista' jitlob li għal kwalunkwe xogħlijiet strutturali ġodda (inklużi netwerks ġodda tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport jew tad-drenaġġ) u/jew binjiet, trid titqiegħed konnessjoni tal-fibra ottika[40]. Inventarju ċentralizzat tal-infrastruttura eżistenti (sussidjat jew mod ieħor), possibilment li jinkludi wkoll xogħlijiet ippjanati, jista' jgħin fl-introduzzjoni tal-broadband kummerċjali[41]. L-infrastruttura eżistenti ma tikkonċernax biss l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, iżda wkoll l-infrastrutturi alternattivi (drenaġġ, toqob tal-ispezzjonar, eċċ.) ta' industriji oħra (bħalma huma s-servizzi pubbliċi)[42].

## *2.4. L-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE*

(30) Meta intervent mill-Istat għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-broadband ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet definiti fit-Taqsima 2, il-kompatibbiltà tiegħu

---

*(EstWin project)*, (It-Twaqqif ta' Infrastruttura Sostenibbli li Tippermetti Konnessjoni tal-Internet Boradband mal_Estonja Kollha (il-proġett EastWin)).

38 Għal referenza, ara n-nota 2 ta' qiegħ il-paġna.

39 Fil-każ tal-implimentazzjoni ta' fibra ottika għan-netwerks tad-djar, dawn l-ispejjeż jistgħu jitilgħu għal 70% tal-ispejjeż totali tal-investiment.

40 Madankollu, il-finanzjament pubbliku ta' xogħlijiet bħal dawn xorta jista' jaqa' fi ħdan il-kunċett tal-għajnuna tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Ara wkoll N 383/2010 2009 – il-Ġermanja - l-Emenda N150/23008 tal-broadband fiż-żoni rurali tas-Sassonja. Dan il-każ kien jirrigwarda wieħed mil-każijiet rari fejn xogħlijiet ġenerali tal-inġinerija ċivili, bħall-manutenzjoni tat-toroq, ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi kkostitwixxew 'xogħlijiet ġenerali tal-inġinerija ċivili' li kienu jsiru mill-Istat għal skopijiet ta' manutenzjoni fi kwalunkwe każ. Il-possibbiltà li, waqt li jkun għaddej dak ix-xogħol, jitqiegħdu tubi u infrastruttura tal-broadband – u dan bi spejjeż għall-operaturi - kienet imħabbra pubblikament u mhux limitata għas-settur tal-broadband jew immirata għalih.

41 Ara pereżempju l-'Infrastrukturatlas' tal-ARN Ġermaniża, fejn l-operaturi b'mod volontarju jaqsmu l-informazzjoni dwar l-infrastrutturi disponibbli u li potenzjalment jistgħu jerġgħu jintużaw.

42 Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi jagħti l-possibbiltà lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jitolbu lill-impriżi biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa sabiex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jwaqqfu, flimkien mal-ARN, inventorju dettaljat tan-natura, id-disponibbiltà u l-post ġeografiku tal-elementi u l-faċilitajiet tan-netwerk, u jagħmluh disponibbli għall-partijiet interessati. Ara l-Artikolu 12 (4) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Qafas) kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009.

ġeneralment tiġi evalwata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107 (3) (c) tat-TFUE[43]. S'issa, awtoritajiet reġjonali u lokali adottaw mudelli differenti ta' interventi. Lista mhux eżawrjenti ta' dawn il-mudelli tinsab fl-Anness. Apparti minn dawk deskritti fl-anness, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu wkoll jiżviluppaw mudelli oħra ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-broadband[44]. Għat-tipi kollha tal-forom ta' interventi, il-prinċipji ta' dawn il-Linji Gwida japplikaw kif stabbilit fit-Taqsimiet 3.2 u 3.3[45].

(31) Proġetti tal-broadband li jirċievu għajnuna mill-Istat jistgħu jiġu implimentati f'żoni assistiti fis-sens tal-Artikolu 107(3) (a) u (c) tat-TFUE, u l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali (RAG – Regional Aid Guidelines)[46]. F'dan il-każ, l-għajnuna għall-broadband tista' tikkwalifika bħala għajnuna għal investiment inizjali skont ir-RAG. Meta miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-RAG[47], u meta tkun maħsuba biex tagħti għajnuna *ad hoc* individwali lil ditta waħda, jew għajnuna limitata għal qasam wieħed ta' attività, l-Istat Membru huwa responsabbli li juri li l-kundizzjonijiet tar-RAG ikunu ġew issodisfati. Dan jinkludi b'mod partikulari li l-proġett inkwistjoni jikkontribwixxi għal strateġija koerenti għall-iżvilupp reġjonali u li, meta wieħed iqis in-natura u d-daqs tal-proġett, ma jkunx se jwassal għal distorsjonijiet mhux aċċettabbli tal-kompetizzjoni[48].

### 2.4.1. *It-test tal-ibbilanċjar u l-appliakzzjoni tiegħu għall-għajnuna għall-implimentazzjoni tan-netwerks tal-broadband*

(32) Għal valutazzjoni skont l-Artikolu 107 3) (c) tat-TFUE, il-Kummissjoni tibbilanċja l-impatt pożittiv tal-miżura ta' għajnuna biex jintlaħaq għan ta' interess komuni kontra l-effetti potenzjalment negattivi tagħha, bħad-distorsjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni.

(33) Meta tkun qed tapplika dan it-test tal-ibbilanċjar, il-Kummissjoni tevalwa l-mistoqsijiet li ġejjin:

(a) Il-miżura ta' għajnuna hija mmirata lejn għan definit kif imiss ta' interess komuni, jiġifieri l-għajnuna proposta tindirizza falliment tas-suq jew għan ieħor?

---

[43] Il-lista tad-deċiżjonijiet kollha tal-Kummissjoni meħuda skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat dwar il-broadband hi disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/sectors/telecommunications/broadband_decisions.pdf

[44] Pereżempju, self (kuntrarju għal għotjiet) jista' jkun għodda utli biex jingħeleb in-nuqqas ta' kreditu għal investimenti infrastrutturali fit-tul.

[45] Dan bla ħsara għall-applikazzjoni possibbli tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali kif imsemmija hawn fuq fil-paragrafu (30).

[46] Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjunali nazzjonali għall-2007-2013, ĠU C 54, 04.03.2006, paġni 13-44.

[47] Madankollu, f'ħafna każi eżaminati s'issa mill-Kummissjoni, it-territorju kopert minn miżura notifikata inkluda żona assistiti kif ukoll żoni oħra, u b'riżultat ta' dan l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma setgħetx titwettaq skont ir-RAG. Barra minn hekk, ta' spiss l-intensità tal-għajnuna setgħet taqbeż il-limitu permess għal għajnuna reġjonali f'żoni bħal dawn.

[48] Fi kwalunkwe każ, l-għajnuna mill-Istat għall-broadband approvata skont ir-RAG tkun tiżgura li (i) l-għajnuna tingħata biss għal żoni fejn m'hemm l-ebda infrastruttura komparabbli disponibbli u (ii) in-netwerks sussidjati jipprovdu aċċess bl-ingrossa lill-operaturi terzi kollha fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja. Ara pereżempju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ N405/2008 – il-Polonja, *Regional aid scheme for investments in energy, telecommunications infrastructure, research and development infrastructure and spa therapeutics* (Skema tal-għajnuna reġjonali għal investimenti fl-enerġija, fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, fl-infrastruttura tar-riċerka u l-iżvilupp u fit-terapewtiċi tal-ispa).

(b) L-għajnuna hija mfassla tajjeb sabiex tilħaq l-għan ta' interess komuni? B'mod partikulari:

(i) l-għajnuna mill-Istat hija għodda politika xierqa, jiġifieri hemm għodod oħrajn li huma aktar xierqa?

(ii) jeżisti effett ta' inċentiv, jiġifieri l-għajnuna tibdel l-imġiba tal-impriżi?

(iii) il-miżura ta' għajnuna hi proporzjonali, jiġifieri tista' l-istess bidla fl-attitudni tinkiseb b'inqas għajnuna?

(c) Id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ huma limitati, sabiex il-bilanċ globali jkun wieħed pożittiv?

(34) Il-passi individwali tat-test tal-ibbilanċjar fil-qasam tal-broadband huma stabbiliti f'aktar dettall fil-paragrafi li ġejjin.

*(a) Għan tal-miżura*

(35) Ikun hemm "falliment tas-suq" jekk is-swieq jonqsu għax ma jintervjenux milli jagħtu riżultat li jrendi l-ogħla ġid possibbli għas-soċjetà. Dan jista' jseħħ perezempju f'termini ta' investimenti soċjalment profitabbli li ma jseħħux[49]. F'każijiet bħal dawn, l-għoti ta' għajnuna mill-Istat jista' jipproduċi effetti pożittivi u l-effiċjenza ġenerali tista' titjieb billi jiġu aġġustati l-inċentivi għall-impriżi. Fis-settur tal-broadband, waħda mill-forom ta' falliment tas-suq hija relatata mal-esternalitajiet pożittivi. Tali esternalitajiet jinqalgħu meta l-operaturi fis-suq ma jinternalizzawx il-benefiċċju sħiħ tal-azzjonijiet tagħhom. Perezempju, id-disponibbiltà tan-netwerks tal-broadband twitti t-triq għall-forniment ta' aktar servizzi u għall-innovazzjoni, li probabbli t-tnejn li huma jibbenefikaw aktar nies minnhom milli l-abbonati immedjati tan-netwerk. Għalhekk, ir-riżultat tas-suq ma jiġġenerax biżżejjed investiment privat fin-netwerks tal-broadband.

(36) Minħabba l-ekonomija tad-densità, in-netwerks tal-broadband ġeneralment ikunu aktar profittabbli meta t-talba potenzjali tkun akbar u kkonċentrata, jiġifieri f'żoni fejn ikun hemm densità għolja ta' popolazzjoni. Minħabba spejjeż fissi għolja tal-investiment, l-ispejjeż unitarji jiżdiedu b'mod sinifikanti hekk kif id-densità tal-popolazzjoni tonqos. B'riżultat ta' dan, in-netwerks tal-broadband għandhom it-tendenza li jkopru bi qligħ parti biss tal-popolazzjoni. Madankollu, kif rikonoxxut fl-ADE, aċċess mifrux u bi prezzijiet konvenjenti għall-broadband jiġġenera esternalitajiet pożittivi minħabba l-abbiltà tiegħu li jħaffef it-tkabbir u l-innovazzjoni fis-setturi kollha tal-ekonomija. Fejn is-suq ma jipprovdix biżżejjed kopertura tal-broadband jew il-kundizzjonijiet tal-aċċess ma jkunux adegwati, l-għajnuna mill-Istat tista' tgħin biex jiġi rrimedjat dan il-falliment tas-suq.

(37) It-tieni għan possibbli ta' interess komuni huwa relatat mal-ekwità. Il-gvernijiet jistgħu jagħżlu li jintervjenu biex jikkoreġu l-inugwaljanzi soċjali jew reġjonali ġġenerati minn riżultat tas-suq. F'ċerti każi, wieħed jista' juża l-għajnuna mill-Istat

---

[49] Madankollu, il-fatt li kumpanija speċifika tista' ma tkunx kapaċi tidħol għal proġett mingħajr għajnuna ma jfissirx bilfors li jkun hemm falliment tas-suq. Perezempju, id-deċiżjoni ta' kumpanija li ma tinvestix fi proġett bi profittabbiltà baxxa jew f'reġjun fejn hemm domanda tas-suq limitata u/jew kompetittività baxxa tal-ispejjeż tista' ma tkunx indikazzjoni ta' falliment tas-suq, iżda pjuttost ta' suq li jaħdem tajjeb.

għall-broadband bħala għodda biex jintlaħqu għanijiet relatati mal-ekwità, jiġifieri bħala mod kif jitjieb l-aċċess għal mezz essenzjali ta' komunikazzjoni u parteċipazzjoni fis-soċjetà, kif ukoll il-libertà tal-espressjoni għall-membri kollha tas-soċjetà, u b'hekk titjieb il-koeżjoni soċjali u territorjali.

(38) Fir-rigward tal-għan ta' interess komuni, il-Kummissjoni se tevalwa wkoll sa liema punt l-intervent ippjanat jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess komuni spjegati hawn fuq kif speċifikati ulterjorment fl-ADE. Fil-ħidma biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ADE, irid ikun hemm bilanċ għaqli bejn ix-xewqa li jkun hemm infrastruttura b'veloċità għolja ħafna f'żoni urbani biex tittejjeb il-kompetittività tagħhom u l-ħtieġa li jiġi evitat li jkun hemm firda diġitali ġdida fiż-żoni rurali, li tkun tipperikola l-għanijiet ta' koeżjoni.

*(b) Tfassil tal-miżura*

(39) L-intervent pubbliku b'appoġġ għan-netwerks tal-broadband jista' sseħħ fil-livell Statali, reġjonali jew muniċipali[50]. Għalhekk, il-koordinazzjoni tad-diversi interventi hija essenzjali biex ikunu evitati x-xogħol doppju u l-inkoerenza. Biex tiġi żgurata l-konsistenza u l-koordinazzjoni tal-interventi lokali, huwa neċessarju li jiġi żgurat livell għoli ta' trasparenza tal-inizjattivi lokali.

(40) Kull fejn ikun possibbli, u b'mod li jiġu rispettati l-kompetenzi u l-ispeċifiċitajiet, l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu skemi nazzjonali li jiddefinixxu l-prinċipji ewlenin li huma l-bażi tal-inizjattivi pubbliċi u li jindikaw l-aktar karatteristiċi rilevanti tan-netwerks ippjanati[51]. L-iskemi qafas nazzjonali għall-iżvilupp tal-broadband jiżguraw il-koerenza fl-użu tal-fondi pubbliċi, jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq awtoritajiet awtorizzanti ż-żgħar u jħaffu l-implimentazzjoni tal-miżuri individwali ta' għajnuna. Aktar minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu gwida ċara fil-livell ċentrali għall-implimentazzjoni ta' proġetti broadband iffinanzjati permezz tal-għajnuna mill-Istat.

(41) Ir-rwol tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) fit-tfassil ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat favur il-kompetizzjoni b'appoġġ għall-broadband huwa partikolarment importanti. L-ARN kisbu għarfien tekniku u espert minħabba r-rwol kruċjali assenjat lilhom b'regolament settorjali[52]. Huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat u għandhom jiġu kkonsultati meta jkunu qed jiġu identifikat żoni fil-mira. L-ARN għandhom jiġu kkonsultati wkoll fir-rigward tad-determinazzjoni tal-prezzijiet u l-kundizzjonijiet tal-aċċess bl-ingrossa u fis-soluzzjoni ta' tilwim bejn dawk li jfittxu l-aċċess u l-operatur tal-infrastruttura sussidjata. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu riżorsi meħtieġa lill-ARN biex jagħtu appoġġ bħal dan. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jipprovdu bażi

---

50 Għall-finanzjament muniċipali u reġjonali ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każijiet SA 33420 (2011/N) – il-Ġermanja, *Breitband Lohr am Main*, N 699/2009 – Spanja, *Desarrollo del programa de infraestructuras de telecomunicaciones en la Región de Murcia* (mhumiex disponibbli bil-Malti).

51 Ta' spiss l-Istati Membri jinnotifikaw programmi qafas li jiddeskrivu taħt liema kundizzjonijiet muniċipali jew reġjonali l-iffinanzjar jista' jingħata għall-implimentazzjoni tal-broadband. Ara pereżempju N62/2010 – il-Finlandja, *High speed broadband construction aid in sparsely populated areas of Finland* (Għajnuna għal bini ta' broadband b'veloċita għolja għal żoni b'poplazzjoni baxxa fil-Finlandja), N53/2010 – il-Ġermanja, *Federal framework programme on duct support* (Programm qafas federali dwar is-sostenn fuq tubi), jew N30/2010 - l-Isvezja, *State aid to Broadband development within the framework of rural development program*, (Għajnuna mill-Istat għall-Broadband fi ħdan il-qafas tal-programm tal-iżvilupp rurali).

52 Għal referenza, ara n-nota 5 ta' qiegħ il-paġna.

legali xierqa għal tali involviment tal-ARN fil-proġetti broadband li jirċievu għajnuna mill-Istat. Biex iżommu mal-aħjar prassi, l-ARN għandhom joħorġu linji gwida għall-awtoritajiet lokali li jkunu jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar l-analiżi tas-suq, il-prodotti ta' aċċess bl-ingrossa u l-ipprezzar[53].

(42) Barra l-involviment tal-ARN, l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni jistgħu wkoll jipprovdu pariri siewja, b'mod partikulari fir-rigward ta' skemi qafas kbar, li jgħinu biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni għall-operaturi li jitfgħu l-offerti tagħhom u biex jiġi evitat li jiġi allokat lil operatur wieħed sehem għoli b'mod sproporzjonat ta' fondi mill-Istat, u b'hekk tissaħħaħ il-pożizzjoni (possibbilment diġà dominanti) tiegħu fis-suq[54].

(43) Sabiex il-miżura titfassal b'mod xieraq, it-test tal-ibbilanċjar jitlob ukoll li l-għajnuna mill-Istat tkun strument ta' politika xieraq biex tiġi indirizzata l-problema. F'dan ir-rigward, filwaqt li f'bosta każi r-regolament *ex ante* ffaċilita l-implimentazzjoni tal-broadband f'żoni urbani u f'żoni b'densità ogħla tal-popolazzjoni, dan jaf ma jkunx strument suffiċjenti biex ikun jista' jseħħ il-forniment tas-servizz tal-broadband, speċjalment f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb fejn il-qligħ inerenti tal-investiment ikun baxx[55]. Bl-istess mod, għalkemm jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-penetrazzjoni tal-broadband, miżuri min-naħa tad-domanda favur il-broadband (bħal vawċers għall-utenti finali) mhux dejjem jistgħu jsolvu n-nuqqas tal-fornitura tal-broadband[56]. Għaldaqstant, f'ċerti sitwazzjonijiet, jista' ma jkun hemm l-ebda triq ħlief dik li jingħata finanzjament pubbliku sabiex jingħeleb in-nuqqas ta' possibbiltà ta' konnettività mal-broadband.

(44) Rigward *l-effett ta' inċentiv* tal-miżura, wieħed irid jeżamina jekk l-investiment ikkonċernat f'netwerk tal-broadband kienx isir fl-istess perjodu mingħajr l-ebda għajnuna mill-Istat. Meta operatur ikun soġġett għal ċerti obbligi biex ikopri ż-żona fil-mira[57], jista' ma jkunx eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat, peress li probabbli din tal-aħħar ma jkollhiex effett ta' inċentiv.

(45) Fil-valutazzjoni tal-karattru *proporzjonali* tal-miżuri nnotifikati, il-Kummissjoni enfasizzat għadd ta' kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu mminimizzati l-għajnuna mill-Istat involuta u d-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, kif spjegat f'aktar dettall fit-Taqsimiet li ġejjin (ara b'mod partikulari it-Taqsima 3.2.2).

[53] Dan iżid it-trasparenza, itaffi l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet lokali u jista' jfisser li l-ARN ma jkollhomx għalfejn janalizzaw kull każ ta' għajnuna mill-Istat individwalment.

[54] Ara pereżempju *Avis n° 12-A-02 du 17 janvier 2012 relatif à une demande d'avis de la commission de l'économie, du développement durable et de l'aménagement du territoire du Sénat concernant le cadre d'intervention des collectivités territoriales en matière de déploiement des réseaux à très haut débit* (l-opinjoni tal-Awtorità Franċiża għall-Kompetizzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tan-netwerks tal-broadband b'veloċita għolja ħafna).

[55] Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N473/2007 – L-Italja, *Broadband connection for Alto Adige* (Konnessjoni mal-broadband għall-Alto Adige), id-Deċiżjoni N570/2007 – Il-Ġermanja, *Broadband in rural areas of Baden-Württemberg* (Il-broadband fl-inħawi rurali ta' Baden-Württemberg).

[56] Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N222/2006 – L-Italja, *Aid to bridge the digital divide in Sardinia* (Għajnuna biex titwaħħad il-firda fiġitali fis-Sardenja).

[57] Dan jista', pereżempju, japplika għal operaturi tal-mowbajls ta' LTE (evoluzzjoni fit-tul) b'miri ta' kopertura taħt il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tagħhom fiż-żona tal-mira. Bl-istess mod, jekk operatur maħtur b'obbligu ta' servizz universali (OSU) jirċievi kumpens għas-servizz pubbliku, ma tista' tiġi mogħtija l-ebda għajnuna addizzjonali mill-Istat biex tiffinanzja l-istess netwerk.

*(c) Il-limitazzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-eżerċizzju globali tal-ibbilanċjar*

(46) Skema ta' għajnuna mill-Istat għall-broadband li tkun imfassla bir-reqqa għandha tiżgura li l-bilanċ globali tal-effetti tal-miżura jkun pożittiv.

(47) F'dan ir-rigward, l-effett tal-miżura tal-għajnuna mill-Istat jista' jiġi deskritt bħala bidla tal-attività meta mqabbel ma' x'kien jiġri mingħajr l-għajnuna. L-effetti pożittivi tal-għajnuna huma marbuta direttament mal-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna. Din il-bidla għandha tippermetti li jintlaħaq l-għan mixtieq ta' interess komuni. Fis-settur tal-broadband, l-għajnuna twassal għall-introduzzjoni ta' infrastruttura ġdida li ma kinitx tkun teżisti f'ċirkustanzi differenti, u b'hekk twassal għal kapaċità u veloċità addizzjonali fis-suq kif ukoll għal prezzijiet orħos u għażla aħjar għall-konsumaturi, għa; kwalità ogħla u għall-innovazzjoni.

(48) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tikkunsidra sa liema punt in-netwerk sussidjat se jkun kapaċi jiżgura "bidla fil-pass" f'termini ta' disponibbiltà tal-broadband. "Bidla fil-pass" tista' tintwera jekk b'riżultat tal-intervent pubbliku (1) l-offerent magħżul jagħmel investimenti ġodda sinifikanti fin-netwerk tal-broadband[58] u (2) l-infrastruttura sussidjata ġġib magħha kapaċitajiet ġodda sinifikanti għas-suq f'termini ta' disponibbiltà u kapaċità tas-servizz tal-broadband[59].

(49) Madankollu, il-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju kaġun tal-għajnuna jista' jkollha wkoll effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Is-sinifikat tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni jista' jiġi evalwat f'termini tal-effetti fuq il-kompetituri. Jekk il-kompetituri jaraw nuqqas fil-profitabbiltà tal-investiment preċedenti tagħhom minħabba l-għajnuna, jistgħu jiddeċiedu li jnaqqsu l-investiment futur tagħhom stess jew anke jirtiraw mis-suq għalkollox[60]. Barra minn hekk, fejn il-benefiċjarju tal-għajnuna jkun diġà dominanti f'suq jew ikun jista' jsir dominanti minħabba investiment iffinanzjat mill-Istat, il-miżura tal-għajnuna tista' ddgħajjef ir-restrizzjoni kompetittiva li l-kompetituri jistgħu jeżerċitaw.

(50) Jekk it-test tal-ibbilanċjar juri li l-effetti negattivi jisbqu lil dawk pożittivi, il-Kummissjoni tista' tipprojbixxi l-għajnuna, jew titlob għal azzjoni ta' rimedju, fil-mod kif inhi mfassla l-għajnuna jew fil-ħsara li tagħmel lill-kompetizzjoni.

---

58 Pereżempju, investimenti marġinali relatati biss mat-titjib tal-komponenti attivi tan-netwerk m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, għalkemm ċerti teknoloġiji li jtejbu r-ram (bħall-vectoring) jistgħu jżidu l-kapaċitajiet tan-netwerks eżistenti, dawn ma jeħtiġux investimenti sinifikanti f'infrastruttura ġdida u għalhekk ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat.

59 Pereżempju, titjib minn netwerk bażiku għal wieħed broadband tat-tip NGA, jew minn netwerk mill-fibra sal-kabinett (FTTC) għal wieħed broadband ultraveloċi (taħt il-kundizzjonijiet stretti tat-Taqsima (76)(c)) probabbli jġib miegħu bidla fil-pass. F'żoni fejn diġa hemm netwerks tal-broadband, l-applikazzjoni ta' bidla fil-pass għandha tiżgura li l-użu ta' għajnuna mill-Istat ma twassalx għal duplikazzjoni ta' infrastruttura eżistenti. Pereżempju, minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi u topoloġiċi simili tagħhom, huwa improbabbli li l-bini ta' netwerk mingħajr fili f'żona fejn diġà hemm netwerk tal-mowbajls jipprovdi kapaċitajiet ġodda sinifikanti. Bl-istess mod, huwa improbabbli li titjib żgħir u gradwali tal-infrastrutturi eżistenti, pereżempju minn 6 Mbps għal 12 Mbps, jdaħħal kapaċitajiet addizzjonali ta' servizzi (u probabbilment ikun jiffavorixxi b'mod sproporzjonat lill-operatur eżistenti).

60 Dan it-tip ta' effett jista' jissejjaħ "crowding out".

# 3. L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI FIL-KAŻ TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAL NETWERKS BAŻIĊI U TAT-TIP NGA

## *3.1. Tipi ta' netwerks tal-broadband*

(51) Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, dawn il-Linji Gwida jiddistingwu bejn netwerks bażiċi u NGA.

(52) Diversi pjattaformi teknoloġiċi differenti jistgħu jitqiesu bħala netwerks bażiċi tal-broadband, inklużi soluzzjonijiet tal-linji diġitali assimmetriċi tal-abbonat (ADSL), kejbil, mobbli, mingħajr fili u bis-satellita.

(53) Fl-istadju attwali tal-iżvilupp tas-suq u dak teknoloġiku, in-netwerks tat-tip NGA huma netwerks ta' aċċess bil-wajer li jikkonsistu kompletament jew parzjalment f'elementi ottiċi u li jistgħu jwasslu servizzi ta' aċċess tal-broadband b'karatteristiċi mtejba (bħal throughput ogħla) meta mqabbla ma' dawk ipprovduti fuq in-netwerks eżistenti tar-ram[61]. Dawn kapaċi jipprovdu servizzi b'veloċitajiet għoljin ħafna u jappoġġjaw numru kbir ta' servizzi konverġenti diġitali avvanzati. Għaldaqstant, fl-istadju attwali tal-iżvilupp tas-suq u dak teknoloġiku, in-netwerks tat-tip NGA huma bbażati fuq il-fibra ottika jew fuq netwerks ta' kejbils aġġornati u avvanzati[62].

(54) Fil-kundizzjonijiet xierqa, it-titjib gradwali tal-infrastrutturi eżistenti (pereżempju l-estenzjoni tal-fibra ottika saċ-ċentri) jista' jibqa' jikkontribwixxi bil-kbir biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ADE rigward il-"veloċitajiet", speċjalment f'żoni fejn l-implimentazzjoni ta' infrastruttura kompletament ġdida ma tkunx ekonomikament vijabbli. Tali netwerks interim tat-tip NGA jistgħu jkunu kosteffettivi u jipprovdu "bidla fil-pass" f'termini ta' disponibbiltà tal-broadband għal żoni fi żvantaġġ. Madankollu, filwaqt li l-veloċità tal-konnessjoni hija karatteristika importanti tan-netwerks NGA, mhijiex l-unika waħda. Apparti ċerta veloċità ta' tniżżil, hu mifhum li n-netwerks tat-tip NGA b'garanzija għall-futur – li huma aktar adegwati għal żoni urbani - ikollhom ukoll, mill-inqas, il-karatteristiċi li ġejjin: (i) li jipprovdu konnettività mtejba (ii) li jipprovdu l-possibbiltà ta' veloċitajiet simetriċi u (iii) li jirrappreżentaw avvanz teknoloġiku sostenibbli u mhux temporanju billi tiġi estiża l-fibra ottika sal-postijiet tal-klijenti (iv) li jappoġġjaw kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura. Kollox ma' kollox, in-netwerks tat-tip NGA jikkostitwixxu qabża 'l quddiem meta mqabbla ma' soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-ġenerazzjoni attwali u b'hekk jiffaċilitaw it-titjib tal-aspetti kollha tat-teknoloġija tal-broadband u s-servizzi tal-broadband[63].

---

[61] Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/572/UE tal-20 ta' Settembru 2010 dwar l-aċċess irregolat għan-Netwerks ta' Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA), ĠU L 251, 25.09.2010, p. 35 - 48 (Rakkomandazzjoni tal-NGA). F'dan l-istadju tal-iżvilupp teknoloġiku u tas-suq, la t-teknoloġiji tan-netwerk bis-satellita u lanqas dawk mingħajr fili (inkluż LTE) ma jidhru li huma kapaċi jipprovdu servizzi tal-broadband b'veloċità għolja ħafna (simetrika), b'mod partikulari peress li dawn is-soluzzjonijiet teknoloġiċi huma "maqsuma", u għalhekk il-veloċitajiet jiddependu fuq in-numru ta' utenti konnessi fiż-żona koperta. Madankollu, minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġija, il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-avvanzi u tat-teknoloġija u se tbiddel id-definizzjoni tal-NGA u l-interpretazzjoni tagħha kif xieraq, jekk it-teknoloġiji inbiddlu.

[62] Li jużaw għall-inqas l-istandard 'DOCSIS 3.0' għall-modems tal-kejbil.

[63] In-netwerks tat-tip NGA se jkollhom il-veloċità u l-kapaċità li fil-futur iwasslu kontenut b'definizzjoni għolja, isostnu applikazzjonijiet on demand li jirrikjedu ħafna bandwidth, u joffru lin-negozji konnessjonijiet simetriċi tal-broadband bi prezzijiet konvenjenti.

(55) Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li, fuq medda twila ta' żmien, in-netwerks tat-tip NGA huma mistennija jieħdu post in-netwerks eżistenti tal-broadband bażiku u mhux biss jaġġornawhom. Minħabba li n-netwerks tat-tip NGA jirikjedu struttura differenti ta' netwerk li toffri servizzi tal-broadband ta' kwalità li tkun aħjar b'mod sinifikanti minn dawk tal-lum, kif ukoll il-forniment ta' servizzi multipli li ma jistgħux jiġu sostnuti min-netwerks ta' bħalissa tal-broadband, jista' jkun li fil-ġejjieni se jiżviluppaw differenzi ċari bejn żoni li se jkunu koperti min-netwerks tat-tip NGA u oħrajn li mhumiex se jkunu koperti[64].

(56) L-Istati Membri jistgħu jiddeċidu b'mod liberu x'forma se jieħu l-intervent tagħhom, sakemm dan jikkonforma mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. F'ċerti każi, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffinanzjaw l-hekk imsejħa netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss, jiġifieri netwerks backhaul li ma jilħqux lill-utent aħħari. In-netwerks backhaul huma input neċessarju għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni bl-imnut sabiex jipprovdu servizzi ta' aċċess għall-utenti aħħarija. Dawn it-tipi ta' netwerks huma kapaċi jsostnu kemm netwerks bażiċi kif ukoll dawk tat-tip NGA: hija l-għażla (ta' investiment) tal-operaturi tat-telekomunikazzjoni x'tip ta' infrastruttura 'tal-aħħar mil' jixtiequ jużaw biex jaqbdu man-netwerk backhaul[65]. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li jwettqu xogħlijiet ta' inġinerija ċivili biss (bħat-tħaffir fuq art pubblika, il-bini ta' tubi) sabiex jippermettu u jħaffu l-implimentazzjoni mill-operaturi kkonċernati tal-elementi proprji tan-netwerks.

### *3.2. Għajnuna mill-Istat għal netwerks bażiċi tal-broadband*

#### *3.2.1. Id-distinzjoni bejn iż-żoni bojod, griżi u suwed għal netwerks bażiċi tal-broadband*

(57) Sabiex ikun evalwat il-falliment tas-suq u l-għanijiet ta' ekwità, tista'ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' żoni li jistgħu jkunu fil-mira. Din id-distinzjoni hija spjegata fit-taqsimiet li ġejjin. Fl-identifikazzjoni ta' żoni fil-mira, kull meta l-intervent pubbliku huwa limitat għall-parti tal-backhaul tan-netwerk, il-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat se tqis is-sitwazzjoni kemm fuq is-swieq tal-backhaul kif ukoll fuq is-swieq ta' aċċess[66].

(58) L-istandards differenti li jiġġustifikaw l-interventi pubbliċi f'dawn iż-żoni ġeografiċi se jiġu deskritti hawn taħt.

*"Żoni bojod": il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali u tal-għan għall-iżvilupp ekonomiku*

(59) "Żoni bojod" huma dawk iż-żoni li fihom ma hemm l-ebda infrastruttura tal-broadband u huwa improbabbli li se tiġi żviluppata fil-futur qarib. Il-miri tal-Kummissjoni għall-ADE jimmiraw lejn il-kopertura ta' kullimkien fl-UE bis-servizzi bażiċi tal-broadband sal-2013, u ta' mill-inqas 30 Mbps sal-2020. Għalhekk, li jkun żgurat l-investiment opportun f'żoni li għad mhumiex koperti biżżejjed hija

[64] Jekk illum il-ġurnata d-differenza bejn post li fih hemm disponibbli biss l-internet bin-narrowband (bil-linja tat-telefown) u post fejn jeżisti il-broadband hija li tal-ewwel hija żona "bajda", hekk ukoll żona mingħajr infrastruttura tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-broadband, iżda li xorta jista' jkollha installata infrastruttura waħda bażika tal-broadband, għandha titqies bħala żona "bajda" fir-rigward tal-NGA.

[65] Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N407/2009 – Spanja – *Optical fibre Catalonia (Xarxa Oberta)*.

[66] Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każijiet N407/2009 - Spanja - *Optical fibre Catalonia (Xarxa Oberta)* u SA. 33438 – il-Polonja, *Broadband network for Eastern Poland* (In-netwerk tal-broadband fil-Polonja tal-Lvant).

prijorità. Il-Kummissjoni għalhekk tirrikonoxxi li, meta jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-provvista ta’ servizzi tal-broadband f’żoni fejn il-broadband attwalment mhux disponibbli, l-Istati Membri jkunu qed jaħdmu biex jilħqu għanijiet ġenwini ta’ koeżjoni u ta’ żvilupp ekonomiku u, għalhekk, l-intervent tagħhom aktarx ikun konformi mal-interess komuni[67]. Madankollu, sabiex ikun żgurat li intervent ta’ dan it-tip ma jwaqqafx milli jsir investiment privat fil-qasam fil-mira, l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha tivverifika li ma jkunx hemm investituri privati li jkunu qed jippjanaw li jintroduċu l-infrastruttura tagħhom fil-futur qarib billi tippubblika sommarju tal-miżuri ppjanati ta’ għajnuna u billi tistieden lill-partijiet interessati biex jikkummentaw. It-terminu fil-"futur qarib" għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal perjodu ta' tliet snin[68]. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieħdu firxa ta’ żmien itwal minn tliet snin, jekk dan ikun indikat fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-broadband[69] u jkun konformi mal-perspettiva tal-investiment tal-awtorità li tagħti l-għajnuna għall-iżvilupp tal-infrastruttura sussidjata[70].

(60) Jeżisti r-riskju li s-sempliċi "espressjoni ta’ interess" minn investitur privat tista’ ddewwem l-għoti tas-servizzi tal-broadband għaż-żona fil-mira jekk sussegwentement tali investiment ma jseħħx, filwaqt li fl-istess ħin l-intervent pubbliku jkun ġie mwaqqaf. L-awtorità li tagħti l-għajnuna, għalhekk, għandha titlob għal ċerti impenji mingħand l-investitur privat qabel ma tiddifferixxi l-intervent pubbliku. Dawn l-impenji għandhom jiżguraw li, fil-perjodu ta’ tliet snin jew fil-perjodu itwal previst għall-invstiment appoġġjat, iseħħ progress sinifikanti f'termini ta' kopertura. L-awtorità tista’ titlob ukoll lill-operatur rispettiv li jidħol f’kuntratt korrispondenti li jiddeskrivi l-impenji ta’ implimentazzjoni. Dan il-kuntratt jista’ jipprevedi għadd ta’ “stadji importanti” li jkollhom jintlaħqu matul il-perjodu ta' tliet snin[71] u jrid isir rapport dwar il-progress li jkun sar. Jekk stadju importanti ma jintlaħaqx, l-awtorità li tagħti l-għajnuna tista’ mbagħad tipproċedi bil-pjanijiet tagħha għal intervent pubbliku.

*"Żoni griżi": ħtieġa ta' valutazzjoni aktar iddettaljata*

(61) “Żoni griżi” huma dawk iż-żoni li fihom huwa preżenti operatur wieħed ta’ netwerk u mhux probabbli li jiġi żviluppat netwerk ieħor fil-futur qarib[72]. Is-sempliċi

[67] Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-Każijiet N607/2009 – l-Irlanda *Rural Broadband Reach*, jew N172/2009 – is-Slovenja, *Broadband development in Slovenia* (mhux disponibbli bil-Malti).

[68] Il-perjodu ta’ tliet snin ikun jibda mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ppjanata ta' għajnuna.

[69] Din l-għażla għandha, madankollu, tikkunsidra b’mod adegwat l-interessi tar-reġjuni tal-pajjiż li mhumiex moqdijin tajjeb, biex dawn ma jitħallewx barra, u għandha tipprevedi reviżjoni perjodika tal-klassifikazzjoni taż-żoni milquta.

[70] Dan ifisser li l-awtoritajiet pubbliċi se jkunu kisbu stadju ekwivalenti fl-iżvilupp tal-infrastruttura kif mitlub mill-operaturi kummerċjali kkonsultati.

[71] F'dan ir-rigward, operatur għandu jkun kapaċi juri li fil-perjodu ta’ tliet snin ikun se jkopri parti sostanzjali mit-territorju u mill-popolazzjoni interessata dwar dan. Pereżempju, l-awtorità li tagħti l-għajnuna tista’ titlob lil kwalunkwe operatur li jiddikjara interess fil-bini ta’ infrastruttura għalih innifsu fiż-żona fil-mira jagħti pjan ta’ direzzjoni tan-negozju kredibbli, dokumenti ta’ prova bħal ftehimiet dwar self mill-bank u kalendarju dettaljat bil-pjan ta' implimentazzjoni fi żmien xahrejn. Barra minn hekk, l-investiment għandu jkun inbeda fi żmien tnax-il xahar u jrid inħareġ il-permess għall-biċċa l-kbira tas-servitujiet tal-passaġġ meħtieġa għall-proġett. Stadji importanti oħra li jindikaw il-progress tal-miżura jistgħu jiġu miftiehma għal kull perjodu ta’ 6 xhur.

[72] L-istess kumpanija tista’ topera netwerks separati fissi u tal-mowbajls fl-istess żona, iżda dan ma jibdilx il-"kulur" ta’ din iż-żona.

eżistenza ta' operatur wieħed ta' netwerk[73] ma timplikax neċessarjament li ma jeżisti l-ebda falliment tas-suq jew problema ta' koeżjoni. Jekk dak l-operatur ikollu s-saħħa fis-suq (monopolju) jista' jipprovdi liċ-ċittadini b'kumbinazzjoni subottimali ta' kwalità u prezzijiet tas-servizz. Ċerti kategoriji ta' utenti jistgħu ma jkunux moqdija adegwatament jew, fin-nuqqas ta' tariffi regolati tal-aċċess bl-ingrossa, il-prezzijiet bl-imnut jistgħu jkunu ogħla mill-prezzijiet għall-istess servizzi offruti f'żoni jew reġjuni tal-pajjiż li jkunu aktar kompetittivi iżda paragunabbli fil-kumplament. Jekk, barra minn hekk, ikun hemm biss prospetti limitati li jidħlu fis-suq operaturi alternattivi, il-finanzjament ta' infrastruttura alternattiva jista' jkun miżura xierqa[74].

(62) Mill-banda l-oħra, f'żoni fejn diġà hemm operatur wieħed ta' netwerk tal-broadband, is-sussidji għall-bini ta' netwerk alternattiv jistgħu jikkawżaw distorsjoni fid-dinamika tas-suq. Għalhekk, appoġġ mill-Istat għall-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband f'żoni "griżi" huwa ġġustifikat biss meta jista' jiġi muri b'mod ċar li jkun hemm falliment persistenti tas-suq. Ikun neċessarju li jsiru analiżi aktar dettaljata u valutazzjoni bir-reqqa dwar il-kompatibilità.

(63) Iż-żoni griżi jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat, sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' kompatibilità tat-Taqsima 3.2.2, jekk jiġi ppruvat li (i) l-ebda servizz bi prezzijiet konvenjenti jew adegwat ma jkun offrut biex jissodisfa l-ħtiġiet taċ-ċittadini jew tal-utenti kummerċjali, (ii) li ma jkunx hemm disponibbli miżuri li joħolqu inqas distorsjoni tas-suq (inkluża r-regolamentazzjoni *ex ante*) biex jintlaħqu l-istess għanijiet u (iii) li ma jkunx hemm operaturi oħra li jkunu qed jippjanaw biex jinvestu fiż-żona mmirata fi żmien tliet snin. Dan għandu jiġi ppruvat skont id-deskrizzjoni fil-paragrafu (60).

(64) Sabiex (i) u (ii) jiġu stabbiliti, il-Kummissjoni se tevalwa b'mod partikulari jekk:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq ma jkunux adegwati, billi teżamina, fost oħrajn, il-livell tal-prezzijiet tal-mument tal-broadband, it-tip ta' servizzi offruti lill-utenti aħħarija (tat-tip residenzjali jew tan-negozju) u l-kundizzjonijiet marbuta magħhom;

[73] Is-sitwazzjoni kompetittiva hija vvalutata skont in-numru eżistenti ta' operaturi tal-infrastrutturi. Fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N330/2010 – Franza, *Programme national Très Haut Débit*, ġie ċċarat li l-eżistenza ta' diversi operaturi bl-imnut fuq netwerk wieħed (inkluż id-Diżaggregazzjoni taċ-Ċirkwiti Lokali (LLU)) ma jdawrux l-inħawi f'żona sewda, iżda t-territorju jibqa' żona griża għax ikun hemm biss l-infrastruttura. Fl-istess ħin, l-eżistenza ta' operaturi li jikkompetu (fil-livell tal-bejgħ bl-imnut) ser tiġi kkunsidrata bħala indikazzjoni li, għalkemm griża, iż-żona inkwistjoni ma tistax tkun problematika f'termini tal-preżenza ta' falliment tas-suq. Ikunu jridu jiġu fornuti provi konvinċenti dwar problemi ta' aċċess jew ta' kwalità tas-servizz.

[74] Fid-Deċiżjoni tagħha N131/2005 – Ir-Renju Unit, *FibreSpeed Broadband Project Wales* (Proġett tal-Broadband FibreSpeed f'Wales), il-Kummissjoni kellha tevalwa jekk is-sostenn finanzjarju mogħti mill-awtoritajiet ta' Wales għall-bini ta' netwerk tal-fibra ottika miftuħ u li jista' jintuża minn operaturi differenti, li jgħaqqad flimkien 14-il ċentru ta' negozju, setax xorta waħda jiġi ddikjarat kompatibbli anki jekk il-lokalitajiet li fuqhom jiffoka n-netwerk kienu diġà moqdijin mill-operatur tan-netwerk li kien diġà jeżisti, li kien jipprovdi linji mikrija rregolati fil-prezz. Il-Kummissjoni sabet li l-offerta tal-linji mikrija mill-operatur li diġà kien jeżisti kienet għalja wisq, tant li l-SMEs kważi ma setgħux jaffordjawha. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N890/2006 – Franza, *Aide du Sicoval pour un réseau de très haut débit* u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N284/2005 – L-Irlanda, *Regional Broadband Programme*: *Metropolitan Area Networks ("MANs"), phases II and III* (Programm Reġjunali tal-Broadband: Netwerks Metropolitani ("MANs"), fażijiet II u III).

(b) fin-nuqqas ta' regolazzjoni *ex ante* imposta minn ARN, l-aċċess effettiv għal netwerk ma jkunx qed jiġi offrut lil partijiet terzi jew jekk il-kundizzjonijiet tal-aċċess ikunux iwasslu għal kompetizzjoni effettiva;

(c) ix-xkiel ġenerali għad-dħul fis-suq ikunx jipprekludi d-dħul potenzjali ta' operaturi oħrajn tal-komunikazzjoni elettronika[75], u

(d) kwalunkwe miżuri meħuda jew rimedji imposti mill-awtorità nazzjonali regolatorja jew tal-kompetizzjoni kompetenti fir-rigward tal-fornitur eżistenti ta' netwerk ma rnexxielhomx jegħlbu tali problemi.

(65) Iż-żoni griżi li jissodisfaw il-kriterji tal-eleġibbiltà fil-paragrafi ta' hawn fuq biss se jgħaddu mit-test ta' kompatibbiltà deskritt fit-taqsima 3.2.2.

*"Żoni suwed": l-ebda ħtieġa għal intervent mill-Istat*

(66) Meta f'żona ġeografika partikulari jkun hemm mill-inqas żewġ fornituri bażiċi ta' netwerks tal-broadband u s-servizzi tal-broadband jkunu fornuti f'kundizzjonijiet kompetittivi (kompetizzjoni msejsa fuq l-infrastruttura), wieħed jista' jassumi li ma jkun hemm l-ebda falliment tas-suq. Għal din ir-raġuni, ma tantx hemm lok għal intervent mill-Istat biex jinġiebu aktar benefiċċji. Għall-kuntrarju, sostenn mill-Istat għall-finanzjament tal-bini ta' netwerk addizzjonali tal-broadband b'kapaċitajiet komparabbli jista', fil-prinċipju, iwassal għal distorsjoni inaċċettabbli tal-kompetizzjoni, u għall-qlugħ 'il barra tal-investituri privati. Għalhekk, fin-nuqqas ta' falliment tas-suq li jkun intwera b'mod ċar, il-Kummissjoni se tħares b'mod negattiv lejn miżuri li jiffinanzjaw l-introduzzjoni ta' infrastruttura addizzjonali tal-broadband f'"żona sewda"76.

### 3.2.2. *It-tifsila tal-miżura u l-ħtieġa li jiġu mrażżna d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni*

(67) Barra milli jiġu murija l-elementi għat-test tal-ibbilanċjar (fost l-oħrajn, l-għan, l-eżistenza ta' falliment tas-suq, l-adegwatezza, l-effett ta' inċentiv tal-miżura, il-limitazzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, kif ukoll it-turija ta' kif tista' ssir "bidla fil-pass" kif spjegat fit-Taqsima 2.4), iridu jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet neċessarji li ġejjin sabiex tiġi murija l-proporzjonalità tal-miżura. In-nuqqas ta' xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet probabbilment ikun jitlob li ssir valutazzjoni profonda77 li tista' twassal għall-konklużjoni li l-għajnuna hija inkompatibilità mas-suq komuni.

a) *Mappatura u analiżi tal-kopertura* dettaljati: L-Istati Membri għandhom jidentifikaw biċ-ċar liema żoni ġeografiċi se jkunu koperti bil-miżura ta' sostenn

[75] Pereżempju, jekk in-netwerk tal-broadband li diġà jkun hemm ikunx inbena fuq il-bażi ta' użu/aċċess privileġġjat għal tubi li la jkunu aċċessibbli għal operaturi oħrajn tan-netwerks u lanqas maqsumin magħhom;

[76] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2006 dwar il-miżura Nru C 35/2005 (ex N 59/2005) – The Netherlands Broadband infrastructure in Appingedam (L-infrastruttura tal-broadband tal-Pajjiżi l-Baxxi f'Appingedam) OJ L 86, 27.3.2007, p.1 (mhux disponibbli bil-Malti). F'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni nnutat li l-forzi kompetittivi tas-suq speċifiku ma kinux ikkunsidrati kif xieraq. B'mod partikolari li s-suq tal-broadband Olandiż kien qed javvanza malajr u li fih il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, inklużi l-operaturi tal-kejbil u l-Fornituri tas-Servizzi tal-Internet, kienu fil-proċess li jdaħħlu servizzi tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna mingħajr l-ebda sostenn mill-Istat.

[77] Il-valutazzjoni dettaljata tista' teħtieġ il-ftuħ ta' proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE.

ikkonċernata[78], kull meta jkun possibbli b'kooperazzjoni mal-korpi nazzjonali kompetenti, bħall-ARN. L-eżempji tal-aħjar prassi jissuġġerixxu l-ħolqien. fil-livell nazzjonali ta' bażi ċentrali tad-dejta dwar l-infrastruttura disponibbli, biex b'hekk jiżdiedu t-trasparenza u t-tnaqqis fl-ispejjeż għall-implimentazzjoni ta' proġetti lokali iżgħar. L-Istati Membri għandhom il-libertà li jiddefinixxu ż-żoni fil-mira, madankollu, huma mħeġġa biex jikkunsidraw il-kundizzjonijiet ekonomiċi fid-definizzjoni tar-reġjuni rilevanti qabel ma tinħareġ l-offerta ta' prezzijiet[79].

b) *Konsultazzjoni pubblika:* L-Istati Membri għandhom jagħtu pubbliċità adegwata lill-karatteristiċi ewlenin tal-miżura u lil-lista taż-żoni fil-mira billi jippubblikaw l-informazzjoni relevanti tal-proġett u jagħmlu stedina għall-osservazzjonijiet. Pubblikazzjoni fuq websajt ċentrali ta' livell nazzjonali għandha fil-prinċipju tiżgura li tali informazzjoni tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha. Billi jivverifikaw ukoll ir-riżultati tal-mappatura f'konsultazzjoni pubblika, l-Istati Membri jimminimizzaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni ma' fornituri eżistenti u ma' dawk li diġà jkollhom pjanijiet għall-investiment għall-futur qarib u jippermettu lil dawn l-investituri jippjanaw l-attivitajiet tagħhom[80]. Eżerċizzju ddettaljat ta' mappatura u konsultazzjoni bl-akbar reqqa jiżguraw mhux biss livell għoli ta' trasparenza iżda jservu wkoll bħala għodda essenzjali biex tiġi definita l-eżistenza ta' żoni "bojod", "griżi" u "suwed"[81].

c) *Proċess ta' sejħa kompetittiva għall-offerti*: Kull meta l-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna jagħżlu operatur biex jibni u/jew biex jamministra l-infrastruttura ssussidjata[82], trid issir offerta. Din l-offerta trid tkun skont il-prinċipji tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku tal-UE[83]. Dan jiżgura li jkun hemm trasparenza għall-investituri kollha li jkunu jixtiequ jitfgħu offerta għat-twettiq u/jew għall-ġestjoni

---

[78] Din il-mappatura għandha ssir abbażi tad-djar milħuqa minn infrastruttura ta' netwerk partikolari u mhux abbażi tan-numru reali ta' djar jew klijenti konnessi bħala abbonati.

[79] Pereżempju, żoni fil-mira li huma żgħar wisq jista' jkun li ma jipprovdux biżżejjed inċentivi ekonomiċi għall-operaturi fis-suq biex jitfgħu offerta għall-għajnuna, filwaqt li żoni li huma kbar wisq jistgħu jnaqqsu r-riżultat kompetittiv fil-proċess tas-selezzjoni. Diversi proċeduri ta' offerti jippermettu wkoll lil impriżi potenzjali differenti jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat u għaldaqstant jiġi evitat li operatur wieħed (diġà dominanti) ikollu s-sehem tiegħu fis-suq imsaħħaħ aktar permezz ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat billi jiġu favoriti partċipanti kbar tas-suq jew jiġu skoraġġati teknoloġiji li prinċipalment ikunu kompetittivi f'żoni ta' mira iżgħar.

[80] F'każ fejn ikun jista' jintwera li l-operaturi eżistenti ma jkunu pprovdew l-ebda tagħrif li jkollu sinifikat lil awtorità pubblika għall-finijiet tal-eżerċizzju rikjest ta' mappatura, tali awtoritajiet ikollhom jistrieħu biss fuq kwalunkwe tagħrif li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tagħhom.

[81] Ara, pereżempju, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ N266/2008 – il-Ġermanja, *Broadband in rural areas of Bayern* (Il-broadband fl-inħawi rurali ta' Bayern).

[82] Bil-kontra ta' li tkun imħaddma direttament, bħal fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N330/2010 - Franza, *Programme national Très Haut Débit*. F'din id-deċiżjoni, sabiex ir-riżultati tal-kompetizzjoni li nkisbu sa mil-liberalizzazzjoni tas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni jkunu żgurati, u partikolarment il-kompetizzjoni li teżisti llum fis-suq bl-imnut tal-broadband, fil-każ ta' netwerks sussidjati ġestiti pubblikament (1) l-operaturi tan-netwerk li huma ta' proprjetà pubblika jillimitaw l-attività tagħhom għaż-żoni fil-mira predefiniti, u ma jwessgħux l-attività tagħhom lejn reġjuni oħra kummerċjalment attraenti; (2) l-awtorità pubblika (jew l-entità interna) ma timmirax biex tagħmel profitt, iżda l-ispejjeż u d-dħul ikunu bbilanċjati; (3) l-awtorità pubblika tillimita l-attività tagħha sabiex iżomm l-infrastruttura passiva u tagħti aċċess għaliha, iżda ma tinvolvix ruħha f'kompetizzjoni fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ma' operaturi kummerċjali u (4) jkollha kontabilità separata għall-fondi użati għat-tħaddim tan-netwerks u għall-fondi l-oħra għad-dispożizzjoni tal-awtorità pubblika.

[83] Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi. Edizzjoni Speċjali tal-ĠU bil-Malti: Kapitolu 06 Volum 07 p 132 - 262 .

tal-proġett issussidjat[84]. It-trattament ugwali u mhux diskriminatorju lill-offerenti kollha u kriterji objettivi għall-evalwazzjoni huma kundizzjonijiet indispensabbli. Is-sejħa kompetittiva għall-offerti hija mezz biex jitnaqqsu l-ispejjeż baġitarji, biex jitnaqqas il-potenzjali tal-għajnuna mill-Istat involut u fl-istess ħin iċċekken in-natura selettiva tal-miżura minħabba li l-għażla tal-benefiċjarju ma tkunx magħrufa minn qabel[85]. L-Istati Membri għandhom jiżguraw proċess trasparenti biżżejjed[86] u eżitu kompetittiv u għandhom jużaw websajt ċentrali apposta fil-livell nazzjonali sabiex ikunu ppubblikati l-proċeduri kollha tal-offerti tal-mument dwar il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat għall-broadband.

d) *L-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża:* Fil-kuntest ta' proċedura kompetittiva għall-offerti, l-awtorità li tagħti l-għajnuna tistabbilixxi kriterji għall-għoti kwalitattivi li bihom jiġu vvalutati l-offerti sottomessi. Il-kriterji għall-għoti rilevanti jistgħu jinkludu, pereżempju, il-kopertura ġeografika milħuqa[87], is-sostenibbiltà tal-approċċ teknoloġiku jew l-impatt tas-soluzzjoni proposta fuq il-kompetizzjoni[88]. Dawn il-kriterji kwalitattivi għandhom ikunu meqjusa fid-dawl tal-ammont ta' għajnuna mitluba. Sabiex jitnaqqas l-ammont ta' għajnuna li tkun se tingħata, meta l-kundizzjonijiet tal-kwalità jkunu simili jekk mhux identiċi, l-offerent li jitlob l-inqas ammont ta' għajnuna għandu fil-prinċipju jikseb aktar punti ta' prijorità meta ssir il-valutazzjoni ġenerali tal-offeirta tiegħu. L-awtorità li tagħti l-għajnuna trid dejjem tispeċifika bil-quddiem l-ippeżar relattiv li tkun se tagħti lil kull waħda mill-kriterji (kwalitattivi) magħżula.

e) *Newtralità teknoloġika:* Fil-prinċipju, is-servizzi bażiċi tal-broadband jistgħu jitwasslu fuq sensiela ta' infrastrutturi tan-netwerks ibbażati fuq teknoloġiji bil-fili, mingħajr fili, bis-satellita u mobbli, jew taħlita minn dawn. Billi jeżistu soluzzjonijiet teknoloġiċi differenti, l-offerta m'għandhiex tiffavorixxi jew teskludi lil xi teknoloġija jew pjattaforma ta' netwerks partikolari. L-offerenti għandhom ikunu intitolati li jipproponu l-forniment tas-servizzi meħtieġa tal-broadband bl-użu jew bit-taħlit ta' liema teknoloġiji jħossu li jkunu l-aktar adattati. Fuq il-bażi tal-kriterji objettivi tal-offerti, l-awtorità li tagħti l-għajnuna tkun imbagħad intitolata tagħżel l-aħjar soluzzjoni teknoloġika jew taħlita ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi.

---

84 Meta l-awtorità li tagħti l-għajnuna tagħżel benefiċjarju għall-għajnuna, il-proċess tal-għażla ma tkunx proprjament proċedura fis-sejħa għall-offerti, madankollu, l-ispirtu u l-prinċipji tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku għandhom jiġu rrispettati.

85 Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N475/2007- l-Irlanda, *"National Broadband Scheme (NBS)"* (Skema Nazzjonali tal-Broadband (NBS)), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N157/2006 – ir-Renju Unit, *"South Yorkshire Digital region Broadband Project"* (Proġett tal-Broadband tar-Reġjun Diġitali ta' South Yorkshire).

86 Meta l-għan ta' offerta bħal din ikun kuntratt pubbliku kopert mid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku 2004/17/KE jew 2004/18/KE, l-avviż tal-offerta jkun ippubblikat fil-ĠU tal-UE sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni mifruxa madwar l-Ewropa, skont ir-rekwiżiti ta' dawn id-direttivi. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-informazzjoni dwar l-offerti għandha għall-inqas tkun irriklamata mal-pajjiż kollu.

87 F'termini taż-żona ġeografika kif definit fis-sejħa għall-offerti.

88 Pereżempju, topoloġiji ta' netwerks li jippermettu separazzjoni sħiħa u effettiva jistgħu jirċievu aktar punti. Għandu jiġi nnutat li f'dan l-istadju tal-iżvilupp tas-suq, topoloġija li tieħu minn punt għal punt aktar twassal lejn kompetizzjoni fit-tul meta mqabbla ma' topoloġija li tieħu minn punt għal diversi punti, filwaqt li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni huma komparabbli, speċjalment fiż-żoni urbani. In-netwerks li jieħdu minn punt għal diversi punti se jkunu kapaċi jipprovdu separazzjoni sħiħa u effettiva biss meta l-aċċess ta' netwerk ottiku passiv b'multiplazzjoni tad-diviżjoni tat-tul ta' mewġ (WDM-PON) ikun standardizzat u mitlub skont l-oqfsa regolatorji applikabbli.

f) *Użu tal-infrastruttura eżistenti:* Billi l-użu mill-ġdid tal-infrastruttura eżistenti huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jiddetermina l-ispiża tal-introduzzjoni tal-broadband, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu biex l-offerenti jirrikorru għal kwalunkwe infrastruttura eżistenti disponibbli sabiex ikun evitat l-irduppjar mhux neċessarju u ħali tar-riżorsi u sabiex jitnaqqas l-ammont ta' finanzjament pubbliku. Kwalunkwe operatur li jkun jippossedi jew jikkontrolla l-infrastruttura (irrispettivament minn jekk fil-fatt tkunx qed tiġi użata) taż-żona fil-mira u li jkun jixtieq jieħu sehem fl-offerta, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) li jinforma lill-awtorità li tagħti l-għajnuna u lill-ARN dwar din l-infrastruttura matul il-konsultazzjoni pubblika; (ii) li jipprovdi aċċess għal din l-infrastruttura lill-offerenti potenzjali l-oħra kollha fuq l-istess termini u kundizzjonijiet li l-istess l-operatur juża għall-offerta tiegħu; (iii) li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha u l-aċċess lill-offerenti l-oħra fi żmien tajjeb li jippermetti lil dawn tal-aħħar jinkludu din l-infrastruttura fl-offerta tagħhom. L-Istati Membri għandhom iwaqqfu bażi nazzjonali tad-dejta dwar id-disponibilità tal-infrastrutturi eżistenti li jistgħu jerġgħu jintużaw għall-introduzzjoni tal-broadband.

g) *Aċċess bl-ingrossa:* L-aċċess effettiv bl-ingrossa lil partijiet terzi għal infrastruttura ssussidjata tal-broadband hija komponent indispensabbli ta' kwalunkwe miżura mill-Istat li tappoġġja l-broadband. B'mod partikulari, l-aċċess bl-ingrossa jippermetti lil operaturi terzi jikkompetu mal-offerent magħżul (meta dan ikun preżenti wkoll fil-livell tal-bejgħ bl-imnut), u b'hekk jissaħħu l-għażla u l-kompetizzjoni fl-inħawi kkonċernati mill-miżura filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat il-ħolqien ta' monopolji reġjonali tas-servizzi. Din il-kundizzjoni, li tapplika biss għall-benefiċjarji għall-għajnuna mill-Istat, mhix kontinġenti fuq xi analiżi minn qabel tas-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas[89]. It-tip ta' obbligi għall-aċċess bl-ingrossa imposti fuq netwerk sussidjat għandhom ikunu allinjati mal-portafoll tal-obbligi għall-aċċess stipulati skont ir-regolament settorjali[90]. Fil-prinċipju, il-kumpaniji ssussidjati għandhom jipprovdu firxa aktar wiesa' ta' prodotti għall-aċċess bl-ingrossa minn dawk ordnati mill-ARN skont ir-regolament settorjali lill-operaturi li għandhom saħħa sinifikanti fis-suq[91], peress li l-benefiċjarju tal-għajnuna mhux biss qed juża r-riżorsi tiegħu iżda l-flus tal-

89 Barra minn hekk, kull meta Stat Membru jagħżel mudell ta' ġestjoni li permezz tiegħu l-infrastruttura ssussidjata tal-broadband toffri lill-partijiet terzi aċċess bl-ingrossa biss, u mhux servizzi bl-imnut, id-distorsjonijiet li jista' jkun hemm tal-kompetizzjoni jkomplu jonqsu minħabba li tali mudell ta' ġestjoni tan-netwerks jgħin biex jiġu evitati kwistjonijiet potenzjalment kumplessi ta' pressjoni fuq il-marġini u għamliet moħbijin ta' diskriminazzjoni fl-aċċess. Ara, pereżempju, SA.30317 Il-broadband ta' Veloċità Għolja fil-Portugall.

90 Kull meta miżura tal-għajnuna mill-Istat tkopri l-finanzjament ta' elementi ta' infrastruttura passiva ġdida bħal tubi jew arbli, għandu jingħata aċċess għal dawn ukoll u dan ikun bla limitu ta' żmien. Ara, pereżempju, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każijiet N53/3010 – il-Ġermanja, *Federal framework programme on ducts support* (Programm Qafas Federali dwar appoġġ għat-tubi) N596/2009 – l-Italja – *Bridging the digital divide in Lombardia* (Tnaqqis tal-firda diġitali fil-Lombardia), N383/2009 – il-Ġermanja – l-Emenda ta' N150/2008 *Broadband in the rural areas of Saxony* (il-Broadband fiż-żoni rurali tas-Sassonja), N330/2010 – Franza – *Programme national Très haut débit* (mhux disponibbli bil-Malti).

91 Pereżempju, għan-netwerks tat-tip NGA, il-punt ta' riferiment għandu jkun il-lista ta' prodotti ta' aċċess inkluża fir-rakkomandazzjoni tal-NGA.

kontribwenti biex jintroduċi l-infrastruttura tiegħu stess[92]. Għandu jingħata aċċess bl-ingrossa bħal dan malajr kemm jista' jkun qabel ma jibda jopera n-netwerk[93].

L-aċċess effettiv bl-ingrossa għall-infrastruttura ssussidjata[94] għandu jiġi offrut għal perjodu ta' mill-inqas seba' snin. Jekk fi tmiem il-perjodu ta' seba' snin l-operatur tal-infrastruttura inkwistjoni jiġi indikat mill-ARN, skont il-qafas regolatorju applikabbli, bħala li jkollu saħħa sinifikanti fis-suq (*significant market power*, SMP) fis-suq speċifiku kkonċernat, l-obbligu tal-aċċess għandu jiġi estiż. L-ARN jew korpi nazzjonali kompetenti oħra huma mħeġġa jippubblikaw gwida għall-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna fuq il-prinċipji li fuqhom għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet u t-tariffi għall-aċċess bl-ingrossa. Fil-każ li netwerk tal-broadband iffinanzjat mill-Istat ikun jinkludi infrastruttura kemm ġdida kif ukoll eżistenti, kwalunkwe obbligu għall-aċċess impost mill-awtorità li tagħti l-għajnuna għandu japplika għan-netwerk kollu u ma jkunx suġġett għal xi limitazzjonijiet[95]. L-obbligi għall-aċċess jiġu infurzati irrispettivament minn kwalunke bidla fis-sid, fl-amministrazzjoni jew fl-operat tal-infrastruttura ssussidjata.

Jista' jagħti l-każ li f'żoni rurali b'densità baxxa tal-popolazzjoni, fejn hemm servizzi limitati tal-broadband disponibbli, l-impożizzjoni tat-tipi kollha ta' prodotti għall-aċċess jistgħu iżidu sproporzjonalment l-ispejjeż tal-investiment mingħajr ma jwasslu għal benefiċċji sinifikanti f'termini ta' kompetizzjoni akbar. F'sitwazzjoni bħal din, wieħed jista' jipprevedi li l-prodotti għall-aċċess li jirrikjedu interventi għaljin li ma kinux previsti minn qabel fuq l-infrastruttura sussidjata (pereżempju kolokazzjoni f'punti ta' distribuzzjoni intermedji) jistgħu jiġu offruti biss f'każ ta' domanda raġonevoli mingħand operatur terz. Id-domanda tkun meqjusa raġonevoli jekk i) dak li jkun qed ifittex l-aċċess jipprovdi pjan koerenti tan-negozju li jiġġustifika l-iżvilupp tal-prodott fuq in-netwerk issussidjat u ii) ma jkun qed jiġi offrut l-ebda prodott paragunabbli għall-aċċess fl-istess żona ġeografika minn operatur ieħor bi prezzijiet ekwivalenti għal dawk f'żoni b'densità akbar tal-popolazzjoni[96].

h) *Ipprezzar tal-aċċess bl-ingrossa:* Il-valutazzjoni komparattiva hija għodda importanti biex jiġi żgurat li l-għajnuna mogħtija sservi sabiex ikunu rreplikati l-kundizzjonijiet tas-suq simili għal dawk prevalenti fi swieq kompetittivi oħra tal-broadband. Il-prezzijiet għall-aċċess bl-ingrossa għandhom ikunu msejsa fuq il-prinċipji tal-ipprezzar stabbiliti mill-ARN u fuq parametri referenzjarji, u għandhom iqisu l-għajnuna rċevuta mill-operatur tan-netwerk[97]. Għall-parametru referenzjarju, jittieħdu l-prezzijiet bl-ingrossa medji ppubblikati prevalenti f'żoni oħra paragunabbli u aktar kompetittivi tal-pajjiż jew tal-Unjoni jew, fin-nuqqas ta' tali prezzijiet ippubblikati, jittieħdu l-prezzijiet diġà stabbiliti jew approvati mill-

[92] Jekk l-għajnuna mill-Istat tiġi pprovduta biex tiffinanzja t-tubi, dawn tal-aħħar għandhom ikunu kbar biżżejjed biex iservu għal diversi netwerks tal-kejbils u biex jilqgħu soluzzjonijiet minn punt għal punti multipli kif ukoll minn punt għal punt.

[93] Meta l-operatur tan-netwerk jipprovdi wkoll servizzi bl-imnut, f'konformita mar-rakkomandazzjoni tal-NGA, dan normalment jimplika għoti ta' aċċess minn għall-inqas 6 xhur qabel it-tnedija ta' servizzi bl-imnut bħal dawn.

[94] Jista' jiġi pprovdut aċċess effettiv bl-ingrossa għall-infrastruttura ssussidjata permezz tal-prodotti għall-aċċess bl-ingrossa mniżżla fl-Anness II.

[95] Pereżempju, l-użu tal-aċċess bl-ingrossa minn partijiet terzi ma jistax ikun limitat biss għas-servizzi broadband bl-imnut.

[96] Fil-każ ta' kunflitt, l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha titlob lill-ARN jew lil korp nazzjonali kompetenti ieħor għal parir.

[97] Il-parametru referenzjarju jkun għalhekk l-ogħla limitu tal-prezz bl-ingrossa.

ARN għas-swieq u s-servizzi kkonċernati[98]. Jekk ma jkunx hemm prezzijiet ippubblikati jew irregolati disponibbli għal ċerti prodotti għall-aċċess bl-ingrossa sabiex permezz tagħhom jiġu stabbiliti l-parametri referenzjarji, l-ipprezzar għandu jsegwi l-prinċipju tal-orjentazzjoni tal-ispejjeż[99]. Minħabba l-kumplessità biex il-prezzijiet għall-aċċess bl-ingrossa jiġu vvalutati skont il-parametri referenzjarji, l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu mandat u l-impjegati meħtieġa lill-ARN sabiex dawn jagħtu pariri fuq dawn il-kwistjonijiet lill-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna. Fejn l-ARN tkun kisbet tali kompetenza, l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha tieħu pariri mingħand l-ARN għall-iffissar tal-prezzijiet u tal-kundizzjonijiet għall-aċċess bl-ingrossa. Il-kriterji għall-valutazzjoni skont il-parametri referenzjarji għandhom jiġu indikati b'mod ċar fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti.

i) *Monitoraġġ u mekkaniżmu ta' treġġigħ lura*: L-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna iridu jissorveljaw mill-qrib l-implimentazzjoni ta' proġett tal-broadband matul iż-żmien kollu kemm idum għaddej il-proġett. Sabiex jiżguraw li l-offerent magħżul ma jiġix ikkumpensat iżżejjed jekk it-talba għall-broadband fiż-żona li tkun fil-mira tikber aktar mil-livelli mbassra, l-Istati Membri għandhom jinkludu mekkaniżmu ta' ħlas lura fil-kuntratt lill-offerent li jintgħażel. Jekk ikun hemm mekkaniżmu bħal dan, jista' jiġi mminimizzat *ex post* u b'mod retroattiv l-ammont tal-għajnuna li fil-bidu wieħed ikun ħaseb li kien ser ikun meħtieġ. Sabiex ma jitpoġġiex b'mod sproporzjonat piż kbir fuq proġetti żgħar u lokali, il-mekkaniżmu tat-treġġigħ lura għandu jkun implimentat biss jekk l-ammont tal-għajnuna tal-proġett ikun ta' mill-inqas EUR 10 miljun[100]. L-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna jistgħu jipprevedu li kwalunkwe profitt żejjed miġbur mingħand l-offerent magħżul jista' jintefaq għal aktar espansjoni tan-netwerk tal-broadband fl-iskema qafas u bl-istess kundizzjonijiet tal-miżura ta' għajnuna oriġinali. L-obbligu tas-separazzjoni tal-kontabilità għall-offerent li jintgħażel fir-rigward tas-sussidju rċevut jagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-iskema kif ukoll kwalunkwe profitt iġġenerat żejjed[101].

j) *Trasparenza*: Il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa obbligat jipprovdi lill-partijiet terzi intitolati b'aċċess komprensiv u mhux diskriminatorju għal informazzjoni dwar l-infrastruttura tagħhom (inklużi, fost oħrajn, it-tubi, il-kabinetti tat-toroq u l-fibra ottika) li tkun saret b'kuntratt ta' għajnuna mill-Istat. Dan se jwassal lil operaturi oħrajn biex ikunu jistgħu jistabbilixxu faċilment il-possibbiltà li jaċċessaw infrastruttura bħal din, u għandu jipprovdi t-tagħrif kollu rilevanti dwar in-netwerk tal-broadband lil reġistru ċentrali tal-infrastrutturi tal-broadband, jekk tali bażi tad-dejta tkun teżisti fl-Istat Membru, u/jew lill-ARN.

---

[98] B'dal-mod, fejn diġà jkun hemm regolament ex ante (jiġifieri, f'żona griża) il-prezzijiet bl-ingrossa tal-aċċess għal infrastruttura ssussidjata m'għandhomx ikunu inqas mill-prezz tal-aċċess iffissat mill-ARN għall-istess żona.

[99] Sabiex l-operaturi ma jinflazzjonawx l-ispejjeż tagħhom b'mod artifiċjali, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw kuntratti li jinċentivaw lid-ditti biex inaqqsu l-ispejjeż tagħhom maż-żmien. Pereżempju, b'kuntrast ma' kuntratti cost-plus, kuntratt ta' prezz fiss jagħti inċentiv lill-kumpanija interessata li tnaqqas l-ispejjeż maż-żmien.

[100] It-treġġigħ lura ma huwiex neċessarju fil-każ ta' infrastrutturi ta' proprjetà pubblika, għall-ingrossa biss, li jkunu amministrati mill-awtorità pubblika bl-iskop uniku li jingħata aċċess ġust u mhux diskriminatorju lill-operaturi kollha, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifikati fin-nota 82 f'qiegħ il-paġna.

[101] Eżempji tal-aħjar prattika jissuġġerixxu monitoraġġ u treġġigħ lura għal minimu ta' 7 snin, u kwalunkwe profitt żejjed (jiġifieri profitt ogħla mill-pjan ta' negozju oriġinali jew mill-medja tal-industrija) għandu jinqasam bejn il-benefiċjarju u l-awtoritajiet pubbliċi skont l-intensità tal-għajnuna tal-miżura.

k) *Rappurtaġġ:* Kull sentejn, l-awtorità li tagħti l-għajnuna mill-Istat għandha tirrapporta xi tagħrif ewlieni dwar il-proġett ta' għajnuna lill-Kummissjoni Ewropea, u tibda mill-implimentazzjoni tal-miżura[102]. Fil-każ ta' skemi qafas nazzjonali jew reġjonali, l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali għandhom jikkonsolidaw l-informazzjoni tal-miżuri individwali u jirrapurtaw lill-Kummissjoni Ewropea. Fl-adozzjoni ta' deċiżjoni skont dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni tista' titlob għal rappurtaġġ addizzjonali fir-rigward tal-għajnuna mogħtija.

### *3.3. Is-sostenn għall-implimentazzjoni malajr tan-netwerks tat-tip NGA*

(68) Kwalunkwe intervent pubbliku li jfittex li jsostni l-forniment jew it-tħaffif tal-implimentazzjoni ta' netwerk tat-tip NGA għandu jkun kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. *It-taqsimiet ta' hawn taħt jenfasizzaw l-ispeċifiċitajiet tat-trattament tan-netwerks tat-tip NGA fil-qafas tal-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.*

#### *3.3.1. Id-distinzjoni bejn iż-żoni bojod, griżi u suwed għan-netwerks tat-tip NGA*

(69) Id-distinzjoni magħmula hawn fuq, fit-Taqsima 3.2.1, bejn żoni "bojod", "griżi" u "suwed" hija rilevanti wkoll għall-evalwazzjoni ta' jekk l-għajnuna mill-Istat għal netwerks tat-tip NGA hix kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c), iżda teħtieġ definizzjoni aktar irfinuta sabiex tagħti kas tal-ispeċifiċitajiet tan-netwerks tat-tip NGA.

(70) Fil-preżent, bis-saħħa ta' titjib fit-tagħmir attiv, ċerti netwerks bażiċi avvanzati tal-broadband jistgħu jifilħu wkoll xi servizzi tal-broadband li fil-futur x'aktarx jiġu offruti fuq netwerks tat-tip NGA (bħas-servizzi triple play) u għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-ADE. Madankollu, prodotti jew servizzi ġodda li mhumiex sostitwibbli mill-perspettivi kemm tat-talba kif ukoll tal-provvista jistgħu jitfaċċaw u jkunu jeħtieġu kapaċità, affidabilità u simetrija ikbar mill-ogħla limiti fiżiċi tal-infrastruttura bażika tal-broadband.

*"Żoni bojod fir-rigward tal-NGA": il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali u tal-għanjiet għall-iżvilupp ekonomiku*

(71) Għal din ir-raġuni, għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għal netwerks tat-tip NGA, żona fejn fil-preżent ma jeżistux netwerks tat-tip NGA u fejn x'aktarx li ma jinbnewx minn investituri privati fi żmien tliet snin, skont il-paragrafu (60), għandha titqies bħala żona <u>"bajda fir-rigward tal-NGA".</u> Tali żona hija eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat għan-NGA sakemm il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità indikati fit-Taqsima 3.3.2 ikunu ssodisfati.

*"Żoni griżi fir-rigward tal-NGA": il-ħtieġa ta' valutazzjoni aktar iddettaljata*

(72) Żona għandha titqies bħala <u>"griża fir-rigward tal-NGA"</u> fejn ikun hemm biss netwerk wieħed tat-tip NGA jew jekk dan ikun se jiġi implimentat fit-tliet snin li jkun imiss u ma jkunx hemm pjani minn xi operatur biex ilesti netwerk tat-tip

[102] Din l-informazzjoni għandha tinkludi tal-anqas: informazzjoni dwar l-offerta/i magħżula, l-ammont ta' għajnuna u l-intensità tal-miżura, id-data meta n-netwerk jibda jintuża, it-teknoloġija magħżula, il-prodotti għall-aċċess bl-ingrossa u l-prezzijiet, in-numru ta'dawk li jfittxu aċċess u fornituri tas-servizzi fuq in-netwerk, in-numru ta' djar moqdija, l-adozzjoni tar-rati.

NGA fit-tliet snin li jkun imiss. Fil-valutazzjoni ta' jekk investituri oħra tan-netwerks jistgħux iqiegħdu netwerks addizzjonali tat-tip NGA fi nħawi partikulari, wieħed għandu jqis kwalunkwe miżuri regolatorji jew leġiżlattivi eżistenti li jistgħu jkunu baxxew il-barrikati għall-implimentazzjoni ta' netwerks tali (aċċess għat-tubi, il-qsim tal-infrastruttura eċċ.). Il-Kummissjoni se jkollha twettaq analiżi aktar iddettaljata sabiex tivverifika jekk ikunx meħtieġ intervent mill-Istat minħabba li intervent mill-Istat f'tali żoni jġib miegħu r-riskju għoli li jaqla' 'l barra lill-investituri eżistenti u jgħawweġ il-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se twettaq il-valutazzjoni tagħha kif definita fil-paragrafi (63) u (64). Barra minn hekk, il-kompatibilità tal-miżura se tiġi vvalutata skont it-Taqsima 3.3.2 t'hawn taħt.

*"Żoni suwed fir-rigward tal-NGA":*

(73) Jekk ikunu jeżisti aktar minn netwerk wieħed tat-tip NGA f'żona partikulari, jew ikunu se jiġu implimentati fit-tliet snin li jkun imiss, tali żona għandha fil-prinċipju titqies bħala "sewda fir-rigward tal-NGA". Il-Kummissjoni se tikkunsidra li appoġġ statali għal netwerk addizzjonali tat-tip NGA iffinanzjat mill-Istat li jkun qiegħed f'kompetizzjoni ekwivalenti f'żoni bħal dawn x'aktarx iwassal għal distorsjoni serja tal-kompetizzjoni u huwa inkompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

(74) Sabiex tiġi vvalutata l-kompatibilità tal-miżura, minbarra l-identifikazzjoni ta' żona bħala bajda, griża jew sewda mil-lat tal-NGA, trid tiġi vverifikata s-sitwazzjoni kompetittiva fir-rigward tal-bżonnijiet bażiċi tal-broadband, minħabba li jistgħu japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' kompatibilità.

### *3.3.2. It-tifsila tal-miżura u l-ħtieġa li jiġu mrażżna d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni*

(75) Kwalunkwe miżura li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-NGA trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibiltà elenkati fil-paragrafu (67) u b'mod partikolari fil-paragrafu 3.2.2 (*mappatura u analiżi tal-kopertura dettaljati, konsultazzjoni pubblika, proċess ta' sejħa kompetittiva għall-offerti, l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, newtralità teknoloġika, użu tal-infrastruttura eżistenti, aċċess bl-ingrossa, valutazzjoni komparattiva tal-prezzijiet, monitoraġġ u mekkaniżmi ta' treġġigħ lura u rekwiżiti ta' trasparenza*). Barra minn hekk, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi fejn ikun se jseħħ l-investiment pubbliku f'netwerks tat-tip NGA.

(76) Bħal fil-każ tal-politika segwita fir-rigward tal-implimentazzjoni bażika tal-broadband, l-għajnuna mill-Istat favur l-implimentazzjoni tan-netwerks tat-tip NGA tista' tikkostitwixxi strument xieraq u ġustifikat, sakemm wieħed jissodisfa għadd ta' kundizzjonijiet fundamentali. Għal żoni li huma "bojod" kemm mil-lat ta' broadband bażiku kif ukoll mil-lat tal-NGA, l-ebda kriterju ta' kompatibiltà addizzjonali ma jrid jiġi ssodisfat apparti dawk elenkati fit-Taqsima 3.2.2. B'kuntrast għal dan, biex jiġi żgurat il-karattru proporzjonali ta' miżura notifikata li jkollha fil-mira tagħha ż-żoni "bojod fir-rigward tal-NGA" jew "griżi fir-rigward tal-NGA", (li jkunu griżi jew suwed f'termini tal-broadband bażiku), apparti l-kundizzjonijiet imsemmijin fit-Taqsima 3.2.2., iridu jiġu ssodisfati wkoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Infrastruttura passiva u newtrali: L-għajnuna mill-Istat se tkun limitata għal infrastrutturi passivi u newtrali fir-rigward tal-NGA. Fejn l-operatur tan-netwerk ikun operatur tal-broadband integrat vertikalment, iridu jiddaħħlu salvagwardji adegwati sabiex jipprevjenu kwalunkwe kunflitt ta' interess, diskriminazzjoni abbużiva u kwalunkwe vantaġġ indirett ieħor moħbi. L-infrastruttura ssussidjata trid tippermetti l-provvista ta' servizzi kompetittivi u bi prezzijiet konvenjenti lill-utenti aħħarija minn operaturi li jkunu qed jikkompetu ma' xulxin u tiżgura trattament indaqs għall-fornituri tal-kontenut.

(b) Aċċess bl-ingrossa: Minħabba l-ekonomiji tal-NGAs, huwa ta' importanza kbira li jkun żgurat aċċess effettiv bl-ingrossa għal operaturi terzi. In-netwerk issussidjat irid joffri aċċess b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji lill-operaturi kollha li jitolbuh u jipprovdilhom il-possibbiltà ta' separazzjoni effettiva u sħiħa[103]. Operaturi terzi, għalhekk, irid ikollhom aċċess għal infrastruttura passiva u mhux biss għal dik attiva[104]. Apparti minn aċċess bitstream[105] u aċċess separat għaċ-ċirkwit lokali, l-obbligu ta' aċċess għandu għalhekk jinkludi wkoll id-dritt għall-użu ta' tubi u arbli, fibra skura jew kabinett tat-toroq[106]. Għandu jingħata aċċess effettiv bl-ingrossa għal mill-inqas seba' snin u d-dritt u d-dritt ta' aċċess għal tubi jew arbli m'għandux ikun limitat biż-żmien. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu regolatorju simili li jista' jiġi impost mill-ARN fis-suq speċifiku kkonċernat sabiex jinkuraġġixxi l-kompetizzjoni effettiva jew għal miżuri adottati wara li jiskadi dak il-perjodu[107].

(c) Topoloġija miftuħa: Minħabba l-ispiża fissa għolja għall-implimentazzjoni tan-netwerks tat-tip NGA, huwa biss f'żoni popolati ħafna li wieħed jista' jistenna l-kompetizzjoni fl-infrastruttura. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat illi netwerks tat-tip NGA iffinanzjati pubblikament ikunu jippermettu topoloġija miftuħa fl-istruttura tan-netwerk li tkun kapaċi tappoġġja topoloġiji differenti[108].

---

[103] F'dan l-istadju tal-iżvilupp tas-suq, topoloġija li tieħu minn punt għal punt tista' tkun isseparata b'mod effettiv. Jekk l-offerent magħżul jintroduċi netwerk b'topoloġija li tieħu minn punt għal punti multipli, irid ikollu l-obbligu ċar li jipprovdi s-separazzjoni effettiva permezz ta' multiplazzjoni b'diviżjoni tat-tul ta' mewġa (WDM) hekk kif l-aċċess ikun standardizzat u disponibbli kummerċjalment.

[104] Bħat-Tagħmir f'post il-klijent (CPEs- Customer premise equipments)jew tagħmir ieħor meħtieġ sabiex jopera n-netwerk.

[105] Jekk ikunu benefiċjarji indiretti, meta jingħataw l-aċċess fil-livell bl-ingrossa, l-operaturi terzi infushom jista' jkollhom jagħtu aċċess bitstream. Minkejja l-fatt li l-għajnuna ġiet mogħtija biss għal infrastruttura passiva, ġie mitlub ukoll aċċess attiv pereżempju fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N330/2010 - Franza, *Programme national Très Haut Débit* (mhux disponibbli bil-Malti).

[106] Obbligu b'saħħtu ta' aċċess huwa iktar u iktar kruċjali sabiex wieħed jindirizza s-sostituzzjoni temporanja bejn is-servizzi offruti mill-operaturi eżistenti tal-ADSL u dawk offruti mill-operaturi futuri tan-netwerks tat-tip NGA. L-obbligu ta' aċċess se jiżgura li l-operaturi kompetituri tal-ADSL ikunu jistgħu jċaqilqu lill-klijenti tagħhom għal netwerk tat-tip NGA hekk kif ikun tqiegħed f'postu netwerk sussidjat u b'hekk jibdew jippjanaw l-investimenti futuri tagħhom mingħajr ma jsofru żvantaġġ kompetittiv. Ara, pereżempju, N461/2009 - ir-Renju Unit, *Cornwall & Isles of Scilly Next Generation Broadband* (Cornwall u l-Gżejjer Scilly il-Broadband għall-Ġenerazzjoni li Jmiss).

[107] F'dan ir-rigward, għandha tiġi kkunsidrata l-persistenza possibbli tal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq li jkunu ġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna għall-infrastruttura inkwistjoni.

[108] Pereżempju, trid tkun kapaċi tieħu kemm it-topoloġiji li jieħdu minn punt għal punt kif ukoll dawk li jieħdu minn punt għal diversi punti, skont l-għażla tal-operaturi (terzi).

### *3.3.3. Għajnuna għal netwerks tal-broadband ultraveloċi*

(77) Fid-dawl tal-għanijiet tal-Aġenda Diġitali, b'mod partikulari biex tintlaħaq il-penetrazzjoni ta' 50% għal konnessjonijiet tal-internet 'il fuq minn 100 Mbps, l-intervent pubbliku xorta jibqa' possibbli f'żoni fejn netwerks tat-tip NGA eżistenti jew ippjanati[109] ma jilħqux il-post tal-utent aħħari bin-netwerks tal-fibra ottika[110].

(78) Apparti li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 3.2.2 u (76), kwalunkwe netwerk ġdid sussidjat għandu juri wkoll "bidla fil-pass" ċara meta mqabbel ma' infrastrutturi ta' netwerks eżistenti. Iridu jitqiesu wkoll il-pjanijiet ta' investiment ta' operaturi kummerċjali għall-futur qarib. Awtorità li tagħti l-għajnuna trid tkun kapaċi turi li

(a) l-infrastruttura l-ġdida se jkollha karatteristiċi teknoloġiċi mtejba b'mod sinifikanti meta mqabbla man-netwerks eżistenti (pereżempju permezz ta' veloċitajiet simetriċi), b'hekk tagħti garanzija għall-futur[111]

(b) hemm domanda mistennija għal titjib kwalitattiv bħal dan u

(c) in-netwerk issussidjat se jkun operat bħala netwerk bl-ingrossa biss.

(79) Huwa biss jekk jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali li l-finanzjament pubbliku ta' dawn in-netwerks ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala kompatibbli skont it-test tal-ibbilanċjar. Fi kliem ieħor, tali finanzjament irid iwassal għal avvanz teknoloġiku sinifikanti, sostenibbli, favur il-kompetizzjoni u mhux temporanju. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqis jekk sarux investimenti kummerċjali ewlenin fl-NGA f'dawn l-aħħar żminijiet.

## 4. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(80) Dawn il-Linji Gwida se jiġu applikati mill-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

(81) Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida għall-miżuri nnotifikati kollha ta' għajnuna li dwarhom tkun mitluba tieħu deċiżjoni wara li dawn il-Linji Gwida jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, anki fejn il-proġetti jkunu ġew innotifikati qabel dik id-data.

(82) Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat mhux skont il-liġi[112], il-Kummissjoni se tapplika fuq l-għajnuna mhux skont il-liġi r-regoli fis-seħħ għaż-żmien ta' meta tkun ngħatat l-għajnuna. Għaldaqsant, ser tapplika dawn il-Linji Gwida fil-każ tal-għajnuna mhux skont il-liġi li tiġi mogħtija wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

---

[109] Abbażi ta' pjanijiet ta' investiment kredibbli għall-futur qarib ta' tliet snin skont il-paragrafi (59) u (59).

[110] Pereżempju, in-netwerks tat-tip NGA ma jilħqux il-post tal-utent aħħari bil-fibra ottika fil-każ ta' netwerks FTTN, fejn il-fibra ottika hija installata saċ-ċentri (il-kabinetti). Bl-istess mod, xi netwerks tal-kejbil ukoll jużaw il-fibra ottika u sal-kabinetti u jikkonnettjaw lill-utenti aħħarin b'kejbils koassjali.

[111] Ara l-paragrafu (53) hawn fuq.

[112] OJ C 119, 22.05.2002, p. 22 (mhux disponibbli bil-Malti)

(83) Il-Kummissjoni b'dan tipproponi lill-Istati Membri, fuq il-bażi tal-Artikolu 108(1) tat-TFUE, il-miżuri xierqa li ġejjin li jirrigwardaw l-iskemi ta’ għajnuna eżistenti rispettivi tagħhom għall-implimentazzjoni tal-broadband. Sabiex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ dawn il-Linji Gwida, l-Istati Membri għandhom jemendaw, fejn meħtieġ, tali skemi qafas sabiex iġibuhom konformi mad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza (il-paragrafu (67)) u d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess bl-ingrossa (il-paragrafi (67) u (76)) ta' dawn il-Linji Gwida fi żmien tnax-il xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(84) L-Istati Membri huma mistiedna jagħtu l-approvazzjoni espliċita u bla kundizzjoni tagħhom għal dawn il-miżuri xierqa proposti fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fin-nuqqas ta' tweġiba, il-Kummissjoni se tassumi li l-Istat Membru inkwistjoni ma jaqbilx mal-miżuri proposti.

(85) Il-Kummissjoni tista’ tirrevedi l-Linji Gwida attwali fuq il-bażi ta' żviluppi importanti futuri fis-suq, fit-teknoloġija u fir-regolamentazzjoni.

## 5. ANNESS I - INTERVENTI TIPIĊI GĦAS-SOSTENN TAL-BROADBAND

Fid-deċiżjonijiet li ħadet dwar każijiet f'dan il-qasam fil-passat, il-Kummissjoni osservat ċerti mekkaniżmi ta' ffinanzjar li huma l-aktar użati mill-Istati Membri biex iħeġġu l-implimentazjoni tal-broadband, ivvalutati skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-lista li ġejja hija bħala eżempju u mhux eżawrijenti, peress li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiżviluppaw modi differenti kif jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-broadband jew jiddevjaw mill-mudelli deskritti. Il-kostellazzjonijiet tipikament jinvolvu l-għajnuna mill-Istat, sakemm l-investiment ma jseħħx skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq (ara t-Taqsima 2.2.1).

1. **Allokazzjoni monetarja** ("diskrepanza tal-likwidità"[113]): Fil-maġġoranza tal-każijiet eżaminati mill-Kummissjoni, l-Istat Membru[114] jagħti għotjiet monetarji diretti lill-investituri tal-broadband[115] biex jibnu, jġestixxu u jisfruttaw kummerċjalment in-netwerk tal-broadband[116]. Dawn l-għotjiet normalment jinvolvu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, minħabba li l-għotja hija ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u tagħti vantaġġ lill-investitur sabiex imexxi attività kummerċjali b'kundizzjonijiet li ma kinux ikunu disponibbli fis-suq. F'każ bħal dan, kemm l-operaturi tan-netwerk li jkunu qed jirċievu l-għotja kif ukoll il-fornituri tal-komunikazzjoni elettronika li jfittxu aċċess bl-ingrossa għan-netwerk sussidjat ikunu benefiċjarji tal-għajnuna.

2. **Appoġġ mhux finanzjarju**: F'każijiet oħra, l-Istati Membri jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-broadband billi jiffinanzjaw l-introduzzjoni ta' netwerk sħiħ tal-broadband (jew partijiet minnu) li sussegwentement jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri fil-komunikazzjoni elettronika, li mbagħad jużaw dawn il-partijiet tan-netwerk għall-implimentazzjoni tal-proġett tal-broadband tagħhom. Dan l-appoġġ jista' jieħu bosta għamliet, imma l-aktar rikorrenti hija dik fejn l-Istati Membri jipprovdu infrastruttura passiva tal-broadband billi jwettqu xogħol ta' inġinerija ċivili (pereżempju billi jħaffru triq) jew billi jqiegħdu tubi jew fibra skura[117]. Din il-forma ta' appoġġ toħloq vantaġġ għall-investituri tal-broadband, li jiffrankaw l-ispejjeż rispettivi ta' investiment[118], kif ukoll għall-fornituri tal-komunikazzjoni elettronika li jfittxu aċċess bl-ingrossa għan-netwerk issussidjat.

3. **Netwerks tal-broadband, jew partijiet minnhom, operati mill-Istat :** L-għajnuna mill-Istat tista' tkun involuta wkoll jekk l-Istat, minflok jipprovdi appoġġ lil investitur tal-

113 "Diskrepanza tal-likwidità" tirreferi għad-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-profitti mistennija fil-każ tal-investituri privati.

114 Jew kull awtorità pubblika oħra li tagħti l-għajnuna.

115 It-terminu "investituri" jindika impriżi jew operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvestu fil-bini u fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-broadband. Eżempji ta' diskrepanza tal-likwidità huma d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każijiet SA.

116 Eżempji ta' diskrepanza tal-likwidità huma d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każjiet 33438 a.o – il-Polonja – *Broadband network project in Eastern Poland* (Proġett dwar netwerk tal-broadband fil-Polonja tal-Lvant), SA 32866 – Il-Greċja – *Broadband development in Greek rural areas* (Żvilupp tal-broadband fiż-żoni rurali Griegi), SA. 31851 – L-Italja – *Broadband Marche* (Il-broadband tal-Marche), N 368/2009 – Il-Ġermanja– Emenda tal-għajnuna mill-Istat N 115/2008- *Broadband in the rural areas of Germany* (Il-broadband fiż-żoni rurali tal-Ġermanja) (mhux disponibbli bil-Malti).

117 Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każijiet N 53/3010 – il-Ġermanja, *Federal framework programme on ducts support* (Il-programm qafas federali dwar l-appoġġ għat-tubi), N596/2009 – l-Italja – *Bridging the digital divide in Lombardia* (It-tnaqqis tal-firda diġitali fil-Lombardia), Ara wkoll N383/2009 – il-Ġermanja – Emenda ta' N 150/2008 *Broadband in the rural areas of Saxony* (Il-broadband fiż-żoni rurali tas-Sassonja) imsemmi hawn fuq fin-nota 39 ta' qiegħ il-paġna għal xogħlijiet ta' manutenzjoni ġenerali tat-toroq.

118 L-ispejjeż tal-inġinerija ċivili u ta' investiment ieħor f'infrastruttura passiva jistgħu jikkostitwixxu sa 70% tal-ispiża totali ta' proġett tal-broadband.

broadband, jibni (partijiet minn) netwerk tal-broadband u joperah(om) direttament permezz ta' fergħa tal-amministrazzjoni pubblika jew permezz ta' kumpanija interna[119]. Dan il-mudell ta' intervent tipikament jikkonsisti mill-bini ta' infrastruttura ta' netwerk passiv ta' proprjetà pubblika, bil-ħsieb li jagħmilha disponibbli għal operaturi bl-ingrossa tal-broadband billi jagħti aċċess għan-netwerk b'termini mhux diskriminatorji. L-għoti ta' aċċess bl-ingrossa huwa attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-bini ta' netwerk tal-broadband bil-għan li jkun sfruttat kummerċjalment, skont il-ġurisprudenza jikkostitwixxi attività ekonomika. Il-bini ta' netwerk tal-broadband bil-għan li jkun sfruttat kummerċjalment, skont il-ġurisprudenza jikkostitwixxi attività ekonomika, jiġifieri l-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE tista' tkun diġà preżenti waqt il-bini tan-netwerk tal-broadband[120]. Anki l-fornituri tal-komunikazzjoni elettronika li jfittxu aċċess bl-ingrossa f'netwerk operat pubblikament se jkunu kkunsidrati bħala benefiċjarji tal-għajnuna.

4. **Netwerk tal-broadband ġestit minn konċessjonarju:** Anki l-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw l-introduzzjoni ta' netwerk tal-broadband, li jibqa' proprjetà pubblika iżda li l-operat tiegħu jiġi offrut permezz ta' proċedura miftuħa għall-offerti lil operatur kummerċjali biex jamministrah u jisfruttah fil-livell tal-ingrossa[121]. Anki f'dan il-każ, peress li n-netwerk huwa mibni bil-ħsieb li jkun sfruttat, il-miżura tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Anke l-operatur li jġestixxi u jisfrutta n-netwerk, kif ukoll il-fornituri terzi tal-komunikazzjoni elettronika li jfittxu aċċess bl-ingrossa għan-netwerk, se jitqiesu bħala benefiċjarji tal-għajnuna.

---

[119] Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N330/2010 – Franza – *Programme national Très Haut Débit*, li kopra diversi modalitajiet ta' intervent, fost l-oħrajn waħda fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu joperaw in-netwerks tal-broadband tagħhom bħala operazzjoni 'regie'.

[120] Il-kawża T-443/08 u T-455/08 Freistaat Sachsen vs il-Kummissjoni [għadha ma ġietx ippubblikata].

[121] Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każijiet N497/2010 – ir-Renju Unit, *SHEFA – 2 Interconnect*, N330/2010 – Franza – *Programme national Très Haut Débit*, N183/2009 – il-Litwanja, *RAIN project* (il-proġett RAIN).

## 6. ANNESS II: GLOSSARJU TA' TERMINI TEKNIĊI

Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: Id-definizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għal bidliet oħrajn li jistgħu jseħħu fis-suq, fit-teknoloġija u fir-regolamentazzjoni.

**Segment tal-aċċess**: il-parti ta' "l-aħħar mil" li tqabbad lin-netwerk backhaul mal-post tal-utent aħħari.

**Netwerk backhaul**: Il-parti tan-netwerk tal-broadband li tikkostitwixxi l-ħolqa intermedja bejn in-netwerk ewlieni (backbone network) u n-netwerk tal-aċċess.

**Aċċess bitstream**: Fornitur tal-aċċess bl-ingrossa jinstalla ħolqa ta' aċċess b'veloċità għolja fil-bini tal-klijent u jagħmel din il-ħolqa ta' aċċess disponibbli għal partijiet terzi.

**Fibra skura**: Fibra mitfija mingħajr konnessjoni mas-sistemi tat-trażmissjoni.

**Tubi**: Pajp jew kondjuwit taħt l-art li jintuża sabiex minnu jgħaddu kejbils (tal-fibra, tar-ram jew koassjali) ta' netwerk tal-broadband.

**Separazzjoni sħiħa:** Separazzjoni fiżika tagħti aċċess lill-utenti għal-linja ta' aċċess aħħarija u tippermetti lis-sistemi tat-trażmissjoni tal-kompetitur innifsu jittrażmettu fuqha direttament.

**FTTH**: Netwerk ta' fibra ottika sad-dar, li tilħaq il-post tal-utent aħħari bil-fibra ottika, jiġifieri netwerk ta' aċċess li jikkonsisti minn linji b'fibri ottiċi kemm fis-segmenti tal-alimentazzjoni kif ukoll fis-segmenti ħolqa mal-utent tan-netwerk tal-aċċess (inkluż wajering in-house).

FTTB: Fibra sal-bini, li tilħaq il-postijiet tal-utent aħħari bil-fibra, jiġifieri l-fibra tasal sal-bini, iżda ram, kejbils koasjali jew LAN jintuża fil-bini.

**FTTN:** Fibra saċ-Ċentri. Il-fibra tasal sa kabinetti tat-toroq li jaslu sa diversi kilometri 'l bogħod mill-postijiet tal-klijenti, bl-aħħar konnessjoni tkun ram (bil-fibra sal-kabinett/ netwerks VDSL) jew kejbils koassjali (fil-kejbil/ netwerk DOCSIS 3). Ta' spiss il-fibra saċ-ċentru hija kkunsidrata bħala pass temporanju u interim lejn FTTH sħiħ.

**Netwerks newtrali**: netwerks li jistgħu jifilħu għal kwalunkwe tip ta' topoloġiji ta' netwerks. Fil-każ ta' netwerks FTTH, l-infrastruttura trid tkun kapaċi tiflaħ kemm għat-topoloġiji li jieħdu minn punt għal punt kif ukoll għal dawk li jieħdu minn punt għal diversi punti.

**Netwerk ta 'Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss**: Netwerk ta' aċċess bil-fili li jikkonsisti, kompletament jew parzjalment, minn elementi ottiċi u li jistgħu jwasslu servizzi ta'aċċess tal-broadband b'karatteristiċi mtejba meta mqabbla ma' dawk ipprovduti fuq netwerks eżistenti tar-ram.

**Netwerk passiv:** Netwerk tal-broadband mingħajr l-ebda komponent attiv. Tipikament jinkludi t-tubi u l-fibra skura u l-kabinetti tat-toroq.

**Aċċess bl-ingrossa passiv**: Aċċess għal mezz ta' trażmissjoni mingħajr l-ebda komponent elettroniku.

**Punt għal punti multipli:** Topoloġija ta' netwerk li għandu linji ddedikati għal-klijenti individwali għal ċentru passiv intermedju (pereżempju kabinett tat-toroq) fejn dawn il-linji jiġu aggregati f'linja komuni. L-aggregazzjoni tista' tkun passiva (bi splitters bħal fi struttura PON) jew attiva (bħal f'FTTC).

**Punt għal punt:** Topoloġija tan-netwerk fejn il-linji tal-klijent jibqgħu ddedikati matul it-triq kollha mill-klijent sal-Punt ta' Preżenza Metropolitan.

**Prodotti għall-aċċess bl-ingrossa:** L-aċċess jippermetti lil operatur juża l-faċilitajiet ta' operatur ieħor. Il-prodotti għall-aċċess bl-ingrossa li jistgħu jiġu pprovduti bin-netwerk issussidjat huma dawn li ġejjin:

- **Netwerk FTTH/FTTB:** l-aċċess għal tubi, l-aċċes għal fibra skura, l-aċċess separat għaċ-ċirkwit lokali (WDM-PON jew is-separazzjoni tal-qafas ta' distribuzzjoni ottika (ODF), u l-aċċess għal bitstream.
- **Netwerks tal-kejbil**: aċċess għal tubi u aċċess bitstream.
- **Netwerks FTTC:** l-aċċess għal tubi u separazzjoni tas-sottoċirkwit lokali u l-aċċess għal bitstream.
- **Infrastruttura ta' netwerk passiv:** l-aċċess għal tubi, l-aċċess għal fibra skura u/jew l-aċċess għal separazzjoni miċ-ċirkwit lokali. F'każ ta' operatur integrat: l-obbligi ta' aċċess (li huma differenti mill-aċċess għall-infrastruttura passiva) għandhom ikunu imposti skont il-proviżjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-NGA.
- **Netwerks ta' broadband ibbażati fuq l-ADSL:** l-aċċess separat għaċ-ċirkwit lokali, l-aċċess għal bitstream.
- Netwerks tal-**mowbajls jew mingħajr fili**: bitstream, il-qsim tal-arbli fiżiċi u l-aċċess għal netwerks backhaul.
- **Netwerks tas-satellita:** l-aċċess bitstream: